



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.11.2015
COM(2015) 611 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Strateġija tal-UE dwar it-Tkabbir

{SWD(2015) 210 final}

{SWD(2015) 211 final}

{SWD(2015) 212 final}

{SWD(2015) 213 final}

{SWD(2015) 214 final}

{SWD(2015) 215 final}

{SWD(2015) 216 final}

I. L-AĠENDA GĦAT-TKABBIR - IL-KISBIET U L-ISFIDI

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi strateġija għal perjodu medju għall-politika tat-tkabbir tal-UE biex tkopri l-perjodu tal-mandat tal-Kummissjoni. Hija tipprovdi gwida ċara u tistabbilixxi l-qafas u l-għodda biex tgħin lill-pajjiżi konċernati jindirizzaw il-kwistjonijiet ewlenin u l-ħtiġijiet tal-proċess ta' adeżjoni. Hija tagħti opportunità ċara lill-Istati Membri aspiranti biex jagħmlu kemm progress sinifikanti fi triqithom lejn l-UE fiż-żmien li ġej kif ukoll igawdu mill-benefiċċji ta' integrazzjoni aktar mill-qrib anki qabel l-adeżjoni.

Il-politika tat-tkabbir tal-UE hija investment fil-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa. Hija tipprovdi aktar opportunitajiet ekonomiċi u għall-kummerċ għall-benefiċċju reċiproku tal-UE u l-Istati Membri aspiranti. Il-possibiltà tas-sħubija fl-UE għandha effett trasformattiv qawwi fuq il-pajjiżi konċernati, fejn il-bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali tpoġġi l-għeruf.

L-aktar tkabbir riċenti fl-Ewropa ċentrali u tal-lvant ipprovdiet ħafna opportunitajiet ġodda liċ-ċittadini, kumpaniji, investituri, konsumaturi u studenti tal-UE mill-Istati Membri l-ġodda. Il-kummerċ u l-investment żdiedu. Is-suq uniku tal-UE huwa l-akbar fid-dinja, jaqdi 500 miljun ċittadin u jiġġenera 23 % tal-PDG dinji.

It-tkabbir huwa proċess strett iżda ġust mibni fuq kriterji stabbiliti u mill-esperjenzi fil-passat. It-tnejnija tajba ħafna tal-Istati Membri futuri hija kruċjali għall-kredibbiltà tal-politika tat-tkabbir, kif ukoll għall-għajnuna mill-pubbliku fl-Istat Membri attwali u futuri. Kull pajjiż jiġi evalwat fuq il-mertu tiegħu biex jingħata inċentivi biex iwettaq riformi li jmorru aktar lil hinn.

L-aġenda attwali tat-tkabbir tkopri l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija¹. In-negozjati tal-adeżjoni mat-Turkija ilhom għaddejjin mill-2005 iżda mexjin 'il quddiem bil-mod ħafna. In-negozjati tal-adeżjoni mal-Montenegro ilhom għaddejjin mill-2012 u mas-Serbia mill-2014. Il-proċess tal-adeżjoni tal-UE ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugozlawa tal-Maċedonja - pajjiż kandidat mill-2005 - għadu mwaħħal. L-Albanija nġhatat l-*istatus* ta' pajjiż kandidat fl-2014 u qiegħda tindirizza numru ta' prijoritajiet ewlenin qabel ma l-Kummissjoni tkun tista' tirrakkomanda l-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni. F'Ġunju daħal fis-seħħ Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) mal-Bożnja-Herzegovina. F'Ottubru ġie ffirmat FSA* mal-Kosovo.

Filwaqt li sar progress importanti minn ħafna pajjiżi f'ħafna oqsma matul l-aħħar sena, l-isfidi għal dawn il-pajjiżi jfissru li ħadd fosthom mhu se jkun lest biex jissieħeb mal-Unjoni Ewropea matul il-mandat tal-Kummissjoni attwali, li jiskadi lejn l-aħħar tal-2019. Il-pajjiżi kollha qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' sfidi ewlenin rigward l-istat tad-dritt. Is-sistemi ġudizzjarji mhumiex indipendenti, effiċjenti jew kredibbli biżżejjed. Hemm bżonn isiru sforzi serji biex jiġu indirizzati l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni.

Filwaqt li d-drittijiet fundamentali b'mod ġenerali huma mnaqqxa fil-liġi, fil-prattika n-nuqqasijiet jippersistu. L-iżguraw tal-libertà ta' espressjoni hija sfida partikolari, bi żviluppi negattivi f'numru ta' pajjiżi. Ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika trid tiġi segwita bis-sħiħ, sabiex ikun hemm il-kapaċità amministrattiva neċessarja kif ukoll l-indirizzar il-livelli għolja ta' politiċizzazzjoni u nuqqas ta' trasparenza. It-tħaddim tal-istituzzjonijiet demokratiċi wkoll teħtieġ attenzjoni. Rigward it-trasformazzjoni demokratika, il-parlamenti nazzjonali jridu jkunu fiċ-ċentru tal-proċess ta' riforma f'kull pajjiż tat-tkabbir sabiex jiżguraw ir-responsabbiltà demokratika u l-inklussività, pre-rekwiżit meħtieġ għal proċess ta' riforma

¹ Wara deċiżjoni mill-gvern Iżlandiż, l-Iżlanda mhx se tibqa' tieħu sehem f'negozjati tal-adeżjoni.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-*istatus*, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

b'suċċess. Hemm bżonn ħidma aktar mill-qrib mal-atturi lokali tas-soċjetà ċivili biex ir-riformi jrabbu l-għeruq fis-soċjetà.

Il-Balkani tal-Punent u t-Turkija ġew affettwati serjament mill-kriżi tar-refuġjati. Kunflitti bħal pereżempju l-gwerra ċivili fis-Sirja u l-Iraq irriżultaw fi flussi sinifikatament ogħla ta' refuġjati fit-Turkija u l-Balkani tal-Punent. It-Turkija qiegħda tagħti għajnuna sostanzjali lil aktar minn 2 miljun refuġjati Sirjani fit-territorju tagħha. Il-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari dik li kienet ir-Repubblika Jugożlawa tal-Maċedonja u s-Serbja, ħabbtu wiċċhom ma' fluss ta' aktar minn 200 000 ċittadini ta' pajjiż terz li qasmu fit-territorju tagħhom sa mill-bidu tas-sena.

Hemm bżonn ta' aktar kooperazzjoni mar-reġjun usa' sabiex jiġi indirizzat dan il-fenomeni, biex jiġu indikati n-nies li għandhom bżonn il-protezzjoni, biex tingħata l-assistenza, biex jiġu mħarsa l-fruntieri esterni tal-UE u biex jitħattu n-netwerks kriminali involuti fil-kuntrabandu tan-nies. L-UE qiegħda tagħti għajnuna sostanzjali għal dan il-għan. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li l-lista tal-pajjiżi ta' oriġini bla periklu tal-UE tinkludi l-pajjiżi tat-tkabbir kollha. F'Ottubru, il-Kunsill Ewropew laqa' l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt UE-Turkija għall-ġestjoni tar-refuġjati u tal-migrazzjoni bħala parti minn aġenda ta' kooperazzjoni komprensiva bbażata fuq ir-responsabbiltà konġunta, impenji reċiproċi u r-riżultati. Ir-rispons għall-kriżi tar-refuġjati ġie diskuss matul il-konferenza ta' livell għoli dwar ir-rotta lejn il-Mediterran tal-Lvant u l-Balkani tal-Punent fit-8 ta' Ottubru fil-Lussemburgu u waqt laqgħa fil-25 ta' Ottubru dwar ir-rotta ta' migrazzjoni tal-Balkani tal-Punent fejn il-mexxejja mill-Albanija, l-Awstrija, il-Bularija, il-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Serbja u s-Slovenja ftehm fuq pjan ta' azzjoni ta' 17-il punt.

Bosta pajjiżi jaffaċċjaw ukoll sfidi sinifikanti f'termini ta' governanza ekonomika u l-kompetittività, b'livelli baxxi ta' investiment u livelli għolja ta' qgħad. Il-livelli ta' introjtu għadhom baxxi ħafna meta mqabbla ma' daww fl-UE u l-konverġenza lejn l-UE wkoll għadha miexja bil-mod. Bl-eċċezzjoni tat-Turkija, il-biċċa l-kbira ta' dawn l-ekonomji huma żgħar b'espertazzjoni limitata. Ir-riformi ekonomiċi huma kruċjali għall-ħolqien u t-tkabbir u t-tkattir tal-interess tal-investituri. F'din il-Komunikazzjoni ssir enfasi partikolari fuq il-kooperazzjoni reġjonali u l-ixprunar tal-iżvilupp ekonomiku reġjonali u l-konnettività. Hawnhekk sar progress importanti, l-aktar permezz tal-"proċess ta' Berlin" u l-format tas-"Sitt Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent", li jiġbor flimkien il-kapijiet tal-istat u tal-gvern mir-reġjun u qiegħed isahha it-tmexxija tal-pajjiżi tal-kooperazzjoni reġjonali.

In-natura fit-tul tal-isfidi li qegħdin jistennew il-pajjiżi tat-tkabbir tenfasizza l-bżonn li terġa titfakkar l-attenzjoni qawwija fuq il-prinċipju ta' "l-ewwel jiġu l-fundamentali" li jagħti l-proċess ta' adeżjoni. Qiegħed isir progress, speċjalment bl-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni u t-twaqqif tal-istrutturi amministrattivi neċessarji. Madankollu, b'mod ġenerali hemm nuqqas frekwenti ħafna ta' implimentazzjoni effettiva. Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-isforzi tagħha sabiex tiżgura li l-pajjiżi jagħtu prijorità lir-riformi fl-oqsma prinċipali tal-istat tad-dritt, fosthom ir-riformi ġudizzjarji u l-indirizzar tal-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, id-drittijiet fundamentali, fosthom il-libertà ta' espressjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, li sseħħ l-aktar kontra l-komunità LGBTI u r-Rom, u l-ħidma tal-istituzzjonijiet demokratiċi kif ukoll ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u ssaħħa il-kompetittività. Din l-attenzjoni speċjali fuq l-oqsma prinċipali marbuta mal-valuri ċentrali tal-UE se tkun il-qafas tal-politika tat-tkabbir ta' din il-Kummissjoni.

It-tkabbir irid jiġi mifhum bħala proċess li jappoġġa r-riforma u l-bidliet fundamentali meħtieġa biex jintlaħħqu l-obbligi ta' sħubija tal-UE. Dawn il-bidliet naturalment jeħtieġu ż-żmien. Għalhekk huwa importanti li terġa' tiġi enfasizzata b'mod li ma jħallix dubji l-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tat-tkabbir. Jekk il-possibiltà ta' progress fit-triq lejn l-UE tiġi meqjusa bħala reali u kredibbli, ir-riskju li xi pajjiżi jitolqu mill-UE jiġi mitigat, kif ukoll ir-

riskju ta' diżillużjoni fil-proċess jew anki l-falliment jew rigress fir-riformi. It-tkabbir jista' jkun ta' benefiċċju lill-UE u lill-pajjiż msieħba biss jekk ikun hemm riforma ġenwina u sostenibbli. Matul dan il-proċess il-pajjiżi jsiru verament lesti biex jissieħbu fl-UE u jkunu jistgħu jgawdu mill-benefiċċji u jerfgħu r-responsabbiltajiet ta' dik l-išhubija.

Din is-sena l-Kummissjoni introduċiet approċċ imsaħħaħ fil-valutazzjonijiet tagħha fir-rapporti annwali tagħha. Minbarra r-rapporti fuq il-progress, saret enfasi ikbar fuq l-istat attwali fil-pajjiżi u fiex qegħdin fit-tħejjija biex jerfgħu r-responsabbiltà tal-obbligi tas-šhubija. Fl-istess ħin, ir-rapporti jipprovdu gwida aktar ċara dwar x'inhuma mistennija jagħmlu l-pajjiżi fit-terminu qasir u fit-tul. Qegħdin jintużaw skali ta' evalwazzjoni armonizzati kemm għall-istat attwali u l-livell ta' progress fil-pajjiż, biex b'hekk tiżdied il-komparabilità bejn il-pajjiżi. Il-mod ġdid ta' rapportar jipprovdi aktar trasparenza fil-proċess ta' adeżjoni. Dan għandu jiffaċilità skrutinju akbar tar-riformi mill-partijiet konċernati kollha. Dan l-approċċ il-ġdid ġie applikat b'mod partikolari f'numru ta' oqsma pilota marbuta direttament mar-riforma fundamentali meħtieġa fit-triq lejn l-UE. Fl-Anness 2 jingħataw aktar dettalji.

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiż tat-tkabbir għandhom bżonn rwol aktar b'saħħtu u ambjent ta' appoġġ u ta' xprunar akbar għall-iżvilupp tagħhom. Dan huwa meħtieġ biex titjeb ir-responsabbiltà politika u l-promozzjoni ta' fehma aktar profonda tar-riforma marbuta mal-adeżjoni. L-għarfien pubbliku tal-benefiċċji li diġà wasslet l-UE u li tista' twassal lir-reġjun huwa vitali biex iħeġġeġ lill-mexxejja politiċi biex ikomplu bis-ših ir-riformi meħtieġa. Komunikazzjoni effettiva fuq kif jaħdem il-proċess tat-tkabbir u l-implikazzjonijiet tiegħu fil-ħajja taċ-ċittadini tibqa' essenzjali sabiex ikun hemm l-appoġġ tal-pubbliku. Dan jeħtieġ sforz konġunt bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha kif ukoll tal-gvernijiet u s-soċjetà ċivili fil-pajjiżi tat-tkabbir.

Għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, il-perspettiva ċara tal-išhubija tal-UE hija fattur ewlieni ta' stabbiltà. Hija tappoġġa l-progress lejn il-kisba tal-kundizzjonijiet neċessarji, fosthom dawk tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Relazzjonijiet tajba mal-pajjiżi ġirien u l-kooperazzjoni reġjonali inklussiva huma essenzjali. L-impenn, kemm bilaterali u reġjonali qiegħed f'livell li sa issa qatt ma rajna bħalu. Fl-istess ħin, jinħtieġu sforzi kontinwi biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet bilaterali fost il-pajjiż tat-tkabbir u mal-Istati Membri, fosthom dawk taħt l-awspiċi tan-NU fejn rilevanti. Dan għandu jkun utli biex jingħelbu l-esperjenzi fil-passat, partikolarment fil-Balkani tal-Punent, fejn minkejja li sar ħafna progress, il-feriti tal-akhtar kunflitti riċenti għad baqagħlhom biex ifiequ. L-appoġġ tal-istabbiltà u l-prosperità fil-Balkani tal-Punent huwa investment mhux biss fil-futur tar-reġjun, iżda wkoll fl-interess stess tal-UE.

Rigward it-Turkija, il-passi pożittivi li ttieħdu fuq it-taħditiet għal ftehim dwar Ċipru huma opportunità importanti sabiex ikun hemm aktar sforzi fl-aspetti kollha f'dan ir-rigward, inklużi fin-negożjati tal-adeżjoni.

Sabiex tappoġġa l-isforzi għar-riformi fil-pajjiżi tat-tkabbir kollha, il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel użu ših mill-mekkaniżmi u fora eżistenti, kemm jekk permezz tal-istrutturi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni / Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, in-negożjati tal-adeżjoni jew l-inizjattivi mmexxija mill-Kummissjoni speċifiċi għall-pajjiż bħal djalogi ta' livell għoli. Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura li jkun hemm għajnuna finanzjarja mmirata b'mod xieraq bl-Istrument għall-Assisteneza ta' qabel l-Adeżjoni (IPA II). Permezz tal-IPA II, l-UE qiegħda tipprovdi EUR 11,7 biljun għall-perjodu 2014-2020 biex tappoġġa lill-pajjiż tat-tkabbir fil-preparamenti tagħhom għall-adeżjoni kif ukoll għall-kooperazzjoni reġjonali u tranfruntiera. L-għajnuna mill-IPA tiffinanzja wkoll miżuri li jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku u t-tkabbir u tgħin lill-pajjiżi jindirizzaw l-effetti tal-kriżi attwali tar-refuġjati. Fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni Ewropea hemm ħarsa ġenerali tal-fondi tal-UE li ngħataw

lill-Balkani tal-Punent u lit-Turkija għall-perjodu 2007-2014 bħala għajnuna għall-istrateġija tat-tkabbir, fosthom ir-riżultati u l-impatt.

II. ENFASI MILL-ĠDID FUQ IL-KWISTJONIJIET FUNDAMENTALI

Il-politika tat-tkabbir tibqa' ffukata fuq il-prinċipju "l-ewwel il-fundamentali". Il-kwistjonijiet prinċipali tal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi, fosthom ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività jibqgħu prijoritajiet ewlenin fil-proċess tat-tkabbir. Dawn il-kwistjonijiet jirriflettu l-importanza li tagħti l-UE lill-valuri prinċipali u l-prijoritajiet ta' politika ġenerali tagħha.

Il-kwistjonijiet fundamentali politiċi, ekonomiċi u istituzzjonali huma kemm indiviżibbli u li jsaħħu lil xulxin. L-istat tad-dritt u l-iżvilupp ekonomiku jistgħu jiġu meqjusa bħala ż-żewġ naħat tal-istess munita. It-tisħiħ tal-istat tad-dritt ikattar i-ċ-ċertezza legali, iħeġġeġ u jħares l-investment u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti lejn l-appoġġ tal-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività. Min-naħa l-oħra, ir-riformi ekonomiċi u l-integrazzjoni huma kapaċi jstabbilizzaw il-pajjiżi fit-tul. Huwa importanti li l-proċess tat-tkabbir jiffaċilita dawn is-sinerġiji, jipprovdi xprunar aktar b'saħħtu għar-riformi ekonomiċi sabiex l-Istati Membri aspiranti jgawdu l-benefiċċji ta' ekonomiji tas-suq operattivi flimkien ma' stat tad-dritt b'saħħtu qabel ma jissieħbu, biex b'hekk jikkontribwixxu għat-tħaddim tajjeb tal-Unjoni kollha kemm hi.

L-indirizzar xieraq tal-kwistjonijiet fundamentali huwa kruċjali sabiex jintlaħqu l-kriterji għas-sħubija ta' Copenhagen u Madrid². Huwa jiżgura wkoll li kemm l-Istati Membri attwali u dawk futuri jistgħu jgawdu bis-sħiħ il-benefiċċji tat-tkabbir futur tal-UE.

L-attenzjoni speċjali fuq il-kwistjonijiet fundamentali hija riflessa fl-oqsma speċifiċi suġġetti għar-rappurtar imsaħħaħ fir-rapporti tal-pajjiżi. Fl-anness hemm aktar dettalji dwar dawn l-oqsma (il-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-libertà ta' espressjoni, il-kriterji ekonomiċi, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, l-akkwist pubbliku, l-istatistika u l-kontroll finanzjarju).

a) L-Istat tad-Dritt

L-istat tad-dritt huwa valur fundamentali li fuqu hija bbażata l-UE u li qiegħed fiċ-ċentru tal-proċess ta' adeżjoni. Il-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu mal-Unjoni Ewropea jridu jstabbilixxu u jipromwovu minn stadju bikri t-tħaddim xieraq tal-istituzzjonijiet ewlenin tagħhom li huma meħtieġa għall-garanzija tal-istat tad-dritt. L-istat tad-dritt mhuwiex biss prinċipju demokratiku fundamentali iżda huwa prinċipju kruċjali għal ambjent tan-negozju stabbli, għaliex jipprovdi ċertezza tad-dritt għall-operaturi ekonomiċi, jgħin lill-konsumaturi u jixpruna l-investment, l-impjigi u t-tkabbir.

It-tisħiħ tal-istat tad-dritt għadu sfida ewlenija għal bosta mill-pajjiżi fil-proċess tat-tkabbir, b'mod partikolari rigward it-titjib fil-ħidma u l-indipendenza tal-ġudikatura, li għadha mfixkla minn eżempji ta' ġustizzja selettiva u ndħil politiku fix-xogħol tal-korpi ġudizzjarji. Fil-ġlieda

² Dan jikkonċerna b'mod partikolari it-twaqqif tal-kapaċità amministrattiva neċessarja għall-implimentazzjoni effettiva tal-acquis.

kontra l-kriminalità organizzata l-ftit suċċess miksub fil-prosekuzzjoni ta' individwi mhux rifless fiż-żarmar tan-netwerks kriminali u l-konfiska tal-assi. Il-korruzzjoni għadha mifruxa fil-pajjiżi kollha, flimkien ma' impunità kontinwa, speċjalment għal korruzzjoni flivell għoli. Il-progress f'dawn l-oqsma jeħtieġ rieda politika b'saħħitha, li twassal għal riżultati viżibbli.

Matul is-sena li għaddiet kien hemm żviluppi pożittivi fuq l-istat tad-dritt. Dawn kienu jikkonsistu primarjament fit-twaqqif ta' oqfsa ġuridiċi u strutturi istituzzjonali. Fil-Montenegro, pereżempju, sar progress tajjeb f'dan ir-rigward minn mindu bdew in-negozjati. L-implimentazzjoni issa trid tiġi żgurata bis-sħiħ.

Fl-aħħar 12-il xahar kien hemm numru ta' theddid serju kontra l-istat tad-dritt. Fit-Turkija, l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja ġiet imfixkla mhux biss minħabba ndħil politiku f'każijiet individwali u t-trasferiment tal-uffiċjali ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi, iżda wkoll minħabba l-arrest jew tneħħija tal-imħallfin minħabba s-sentenzi li taw. Il-każ ta' interċezzjoni f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja tefgħet dawl fuq l-attakki mifruxa fuq l-istat tad-dritt, l-abbużi tad-drittijiet fundamentali u d-dgħjufijiet fit-tħaddim demokratiku tal-Istat. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati b'urġenza. Dawn in-nuqqasijiet seħew minkejja l-introduzzjoni ta' bosta riformi, fosthom dwar l-istat tad-dritt, kemm fil-leġislazzjoni kif ukoll fit-twaqqif tal-istrutturi istituzzjonali rilevanti. Dawn l-eżempji jenfasizzaw kemm huwa importanti li l-pajjiżi fil-proċess tat-tkabbir iwettqu r-riformi fil-prattika u mhux biss fuq karta.

Hawnhekk tiġi enfasizzata wkoll l-importanza tal-attenzjoni b'saħħitha kontinwa fuq il-kwistjonijiet tal-istat tad-dritt fil-proċess ta' adeżjoni u, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approċċ il-ġdid fin-negozjati tal-adeżjoni tal-Kapitolu 23 - Il-Ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-Kapitolu 24- Il-ġustizzja, l-libertà u s-sigurtà. Dan l-approċċ, introdott mill-Kummissjoni fl-2012, jagħti prijorità lir-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt, fejn jassigura li jiġu indirizzati mill-aktar bikri possibbli fil-proċess ta' adeżjoni. B'hekk il-pajjiżi jkollhom l-itwal perjodu ta' żmien possibbli qabel l-adeżjoni biex jibnu rekord ta' riżultati konkreti li jiżguraw is-sostenibbiltà tar-riformi. Pereżempju, il-pajjiżi jridu jibnu rekords kredibbli tal-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni finali f'każijiet ta' kriminalità organizzata u korruzzjoni, fosthom dawk flivell għoli, b'pieni adegwati u l-konfiska tal-assi.

Bħal kif ġara f'numru ta' Stati Membri tal-UE, ir-reġjun ġie affettwat ukoll mill-fenomeni tal-ġellieda terroristi barranin u ż-żieda fir-radikalizzmu. Mijiet ta' persuni telqu mir-reġjun biex imorru jiġġieldu f'żoni ta' kunflitt bħas-Sirja u l-Iraq. Hemm bżonn ta' strateġija komprensiva bl-appoġġ politiku adattat għall-prevenzjoni u t-twaqqif tar-radikalizzmu, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-mexxejja u l-komunitajiet reliġjużi, mal-ħaddiema soċjali u dawk li jkunu minn ta' quddiem nett, is-sistema edukattiva u l-organizzazzjonijiet għaż-żagħżagħ. Il-każijiet ta' diskors ta' mibegħda jridu jiġu indirizzati b'mod aktar b'saħħtu. Approċċ dedikat mill-komunità ta' intelliġenza u tal-eżekuzzjoni tal-liġi huwa meħtieġ sabiex titħarbat l-attività terroristi, jitwaqqaf l-ivvjaġġar tat-terroristi u l-fluss tal-armi illegali. Hija meħtieġa wkoll politika ġudizzjarja koerenti kontra l-awturi tal-ksur.

b) Id-drittijiet fundamentali

Id-drittijiet fundamentali huma fil-qalba tal-valuri tal-UE u huma element essenzjali fil-proċess ta' adeżjoni. Id-drittijiet fundamentali huma fil-biċċa l-kbira mnaqqxa fil-leġislazzjoni tal-pajjiżi tat-tkabbir iżda hemm bżonn li jsir sforz akbar sabiex jiġu implimentati bis-sħiħ fil-prattika.

Il-libertà tal-espressjoni u l-media jibqgħu ta' tħassib partikolari. Diġà fl-2014 kienu ġew innutati episodji ta' treġġigħ lura. Din ix-xejra kompliet fl-2015. Kien hemm indħil politiku żejjed fil-ħidma tal-xandara pubbliċi fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll intimidazzjoni tal-ġurnalisti u progress limitat fl-awtoregolamentazzjoni tal-midja. Il-libertà tal-espressjoni

reġgħet ġiet limitata fit-Turkija, kemm permezz ta' tibdil fil-leġiżlazzjoni kif ukoll fil-prattika permezz ta' prosekuzzjonijiet minħabba allegati insulti lill-politiċi ta' livell għoli, fosthom il-President, u permezz ta' multi għoljin li għandhom effett ta' deterrent fuq il-rappurtar ħieles mill-midja. Il-Kummissjoni tkompli tagħti prijorità lil ħidma fuq il-libertà tal-espressjoni u l-midja fil-proċess ta' adeżjoni tal-UE. Fl-4 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni organizzat it-tielet edizzjoni tal-Konferenza "Speak-Up"!, li tiġbor flimkien il-partijiet konċernati ewlenin mill-oqsma tal-midja, tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet nazzjonali sabiex tindirizza l-isfidi ewlenin u ssaħħaħ l-isforzi li jappoġġaw il-libertà tal-espressjoni fir-reġjun.

Il-minoritajiet iridu jiġu protetti aħjar, b'mod partikolari r-Rom. Ir-Rom fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija jkomplu jkunu vittmi ta' razziżmu, diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali, u bosta Rom jgħixu fl-aġar faqar, mingħajr aċċess suffiċjenti għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-akkomodazzjoni u l-impjiegi.

Id-diskriminazzjoni u l-ostilità lejn gruppi vulnerabbli oħra, fosthom minħabba raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru, hija ta' tħassib kbir ukoll. Hemm bżonn ikun hemm approċċ ta' tolleranza zero kontra l-vjolenza, l-intimidazzjoni u d-diskors ta' mibegħda kontra dawn u persuni vulnerabbli oħra. Trid issir aktar ħidma lejn il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, fosthom l-indirizzar tal-vjolenza domestika, it-titjib tad-drittijiet tat-tfal u tal-persuni bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll aċċess aktar faċli għall-ġustizzja. Hemm bżonn ukoll ta' qafas istituzzjonali aktar b'saħħtu għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, speċjalment biex jiġi promoss ix-xogħol tal-Ombudsmen u x-xogħol tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

c) L-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività

Li wieħed isir membru tal-UE ma jfissirx biss li wieħed iħares ir-regoli u l-istandards tagħha; s-šhubija tfisser ukoll ħidma sabiex il-pajjiż ikun f'pożizzjoni ekonomikament xierqa għas-šhubija sabiex ikun jista' jgawdi mill-benefiċċji kollha tal-adeżjoni mal-UE, filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxi lejn it-tkabbir u l-prosperità tal-ekonomija tal-UE.

Għad hemm sfidi sinifikanti fil-pajjiżi kollha tat-tkabbir rigward ir-riforma ekonomika, il-kompetittività, il-ħolqien tax-xogħol, il-konsolidament fiskali u t-tkabbir inklużiv. Filwaqt li l-pajjiż tat-tkabbir fil-maġġoranza tagħhom żammew stabbiltà makroekonomika u qiegħed ikompli rkupru modest, il-pajjiżi kollha tal-Balkanu qegħdin jaffaċċjaw sfidi strutturali ekonomiċi u soċjali ewlenin, b'rati għolja ta' qgħad u livelli baxxi ta' introjtu. Is-sistemi infrastrutturali u edukattivi jridu jiġu mtejbja. In-nuqqas ta' opportunitajiet domestiċi attraenti ta' xogħol huwa rifless f'numru ta' pajjiżi f'influssi sinifikanti ta' rimessi minn barra. Fil-Kosovo u fil-Bożnija-Ħerzegovina dawn jiffurmaw aktar minn 11 % u 12,6 % rispettivament tal-PDG. Filwaqt li dawn ir-rimessi parzjalment ipaċu d-defiċits persistenti tal-kummerċ u l-konsum tal-fjuwil, huma jnaqqsu wkoll l-inċentiv għax-xogħol.

Iċ-ċertezza tad-dritt, sistema ġudizzjarja li taħdem indipendentement biex teżegwixxi d-drittijiet fundamentali, fosthom id-drittijiet tal-proprjetà, amministrazzjoni pubblika li taħdem u l-applikazzjoni uniformi tar-regoli huma wkoll prerekwiżiti sabiex jiġu attirati l-investituri u biex jiġu stimolati t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Id-dgħufijiet fl-istat tad-dritt, l-eżekuzzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-ġestjoni pubblika tal-finanzi u t-tibdil frekwenti fil-permessi u t-taxxi jgħollu r-riskju ta' korruzzjoni b'impatt negattiv fuq l-ambjent madwar l-investment. Il-Balkani tal-Punent ibatu minn livelli baxxi ta' industrijalizzazzjoni kif ukoll minħabba l-produttività baxxa tal-intrapriżi industrijali eżostenti u nuqqasijiet fil-governanza tas-settur industrijali. Dawn il-fatturi jispjegaw għalfejn l-investment barrani fil-Balkani tal-Punent jibqa' modest; huwa jfixkel it-trasferiment neċessarju tal-aħjar Prattiki u "know-how" u għalhekk tkabbir iktar mgħaġġel fil-produttività.

L-aħħar żviluppi ekonomiċi u tbassir jinkludu:

- ⇒ L-istabbiltà makro-ekonomika tinsab fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tat-tkabbir iżda l-konsolidament fiskali għadu sfida, b'rata għolja ta' dejn pubbliku ta' tħassib f'numru ta' pajjiżi.
- ⇒ Il-pajjiżi kandidati fil-Balkani tal-Punent huma mistennija jikbru b'medja ta' 2,5 % fl-2015.
- ⇒ Madankollu din ir-rata ta' tkabbir ma waslitx għal aktar impjiegi. Il-qgħad jibqa' għoli, partikolarment fost iż-żagħżagħ u n-nisa, u bħala medja r-rata hija ta' 22 % fil-Balkani tal-Punent, iżda ħafna għola fil-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo u dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja. Il-livelli għolja ta' faqar huma ta' tħassib kbir.
- ⇒ L-UE hija s-sieħeb ewlieni għall-kummerċ tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, u tirċievi madwar 60 % tal-esportazzjonijiet mir-reġjun. L-UE hija wkoll l-akbar fornitur ta' investiment dirett barrani.
- ⇒ Fl-2014, it-tkabbir fit-Turkija laħaq rata stabbli ta' 2,9 %, 4,2 % inqas mis-sena l-oħra. Għall-2015 huwa mbassar tkabbir kemmxejn aktar b'saħħtu. Il-lira Torka ddgħajfet u d-defiċit fil-kont kurrenti naqas minn kważi 8 % tal-PDG fl-2014 għal inqas minn 6 % fl-2015, rifless ta' nuqqas ta' tkabbir fid-domanda domestika u prezzijiet tal-enerġija iktar baxxi. Il-prestazzjoni ekonomika riċenti tat-Turkija turi kemm il-potenzjal kbir u l-iżbilanċi kontinwi tal-ekonomija tagħha.
- ⇒ L-UE tibqa' s-sieħeb ewlieni tal-kummerċ għat-Turkija b'aktar minn 40 % tal-esportazzjonijiet tagħha jmorru fl-UE. It-Turkija saret bażi ta' investiment għan-negozju Ewropew bl-integrazzjoni dejjem tiżdied tagħha fil-katina ta' provvista u produzzjoni tal-UE. Madwar 60 % tal-investiment dirett barrani fit-Turkija jiġi mill-UE.

Permezz tal-esperjenza tal-Istati Membri tal-UE matul is-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni qiegħda żżid l-għajjnuna tagħha lejn it-tisħiħ tal-governanza ekonomika u l-kompetittività fil-pajjiżi tat-tkabbir. Dan għandu jgħin lill-pajjiżi tat-tkabbir jisfruttaw il-potenzjal għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tax-xogħol, biex jippjanaw aħjar u jqassmu r-riformi strutturali u, fl-aħħar mill-aħħar, jissodisfaw il-kriterji ekonomiċi. Din l-għajjnuna hija partikolarment importanti rigward il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent minħabba li ħadd minnhom għadu ma ġie meqjus li għandu ekonomija tas-suq li verament taħdem.

Fl-2015 il-pajjiżi kollha tat-tkabbir ippreżentaw Programmi għar-Riforma Ekonomika li ttrattaw kemm il-qafas tal-politika makroekonomika u fiskali għat-terminu medju kif ukoll, fir-rigward tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, ir-riformi ekonomiċi. Skont l-analiżi tal-Kummissjoni ta' dawn il-programmi u r-rakkomandazzjonijiet tagħha, il-ministri tal-finanzi mill-UE u mill-pajjiżi konċernati ltaqgħu f'Mejju 2015 u addottaw rakkomandazzjonijiet konġunti fuq ir-riformi meħtieġa biex jappoġġaw it-tkabbir u l-kompetittività fit-tul. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma riflessi bis-sħiħ fir-rapporti annwali sottostanti tal-Kummissjoni li jipprovdu gwida ulterjuri għar-riformi prijoritarji. Il-finanzjament mill-IPA wkoll qiegħed jintuża aħjar.

Mis-sena d-dieħla, il-Programmi għar-Riforma Ekonomika se jkunu ppreżentati bħala dokument uniku integrat b'attenzjoni akbar fuq l-impjiegi u l-isfidi soċjali. L-eżerċizzju tal-Programmi għar-Riforma Ekonomika jkompli fuq bażi annwali.

Rigward it-Turkija, dan il-pajjiż u l-UE għandhom interess komuni fil-promozzjoni tar-riforma ekonomika, l-iskambju tal-esperjenza, l-allinjament tal-pożizzjonijiet fil-G20 u integrazzjoni ekonomika aktar profonda. Il-Kummissjoni nehdiet valutazzjoni tal-impatt

komprensiva bl-għan li tenfasizza mandat ta' nnegożjar għall-modernizzazzjoni u l-estensjoni tal-Unjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija. L-għan huwa li jiġu mtejbja r-relazzjonijiet kummerċjali fuq livell kumparabbli mal-importanza strateġika tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija u s-sinifikat tal-iskambji ekonomiċi tagħhom. Se jiġi mniedi djalogu ekonomiku ta' livell għoli bejn l-UE u t-Turkija, akkumpanjat minn forum għan-negożju bejn l-UE u t-Turkija, u se jkun hemm ukoll djalogu dwar l-enerġija ta' livell għoli.

Iż-żieda fil-kompetittività u l-introduzzjoni ta' miżuri li jippromwovu l-ħolqien tax-xogħol fir-reġjun għandhom itaffu l-pressjoni migratorja mill-pajjiżi tat-tkabbir lejn l-UE. Bħalma ġara fil-passat, il-ħtieġa possibbli għal u n-natura tal-miżuri tranżizzjonali u / jew mekkaniżmu ta' salvagwardja dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema jiġi indirizzat matul in-negożjati tal-adeżjoni dwar tkabbir futur, filwaqt li tiġi kkunsidrata wkoll għall-futur valutazzjoni tal-impatt.

d) Il-ħidma tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika

Għad irid jiġi indirizzat bis-sħiħ it-tħaddim u l-istabbiltà xierqa tal-istituzzjonijiet ewlenin li jiġġarantixxu demokrazija, F'bosta pajjiżi l-istituzzjonijiet demokratiċi għadhom fraġli. Hemm nuqqas ta' kultura fejn isir kompromess, għaliex ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali mhux żviluppat biżżejjed. Matul il-perjodu ta' rappurtar seħħ bojkott tal-parlament f'dik li kienet ir-Repubblika Jugozłava tal-Maċedonja, l-Albanija u l-Montenegro. Fil-Kosovo u l-Montenegro, il-membri tal-oppożizzjoni kienu involuti f'inċidenti vjolenti kontra l-gvern. L-iskrutinju parlamentari bosta drabi jiġi mfixxkel mill-użu eċċessiv ta' proċeduri urġenti għal-leġiżlazzjoni, sistemi ta' kumitati parlamentari dgħajfa u proċeduri u konsultazzjoni mal-partijiet konċernati insuffiċjenti, b'input mill-inqas mill-esperti.

Għalkemm ftit hemm kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati rigward il-kondotta ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, bosta drabi l-elezzjonijiet jitqiesu bħala opportunità biex jinkiseb il-kontroll politiku tal-istituzzjonijiet tal-istat. Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika hija kruċjali f'dan ir-rigward, kif ukoll l-għoti ta' xejra professjonali u t-tneħħija tal-element politiku mis-servizz ċivili.

Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, flimkien mar-regola tal-istat tad-dritt u l-governanza ekonomika hija kwistjoni li tinvolvi diversi oqsma ta' importanza fundamentali għas-suċċess fir-riformi politiċi u ekonomiċi u l-bini ta' bażi għall-implimentazzjoni tar-regoli u l-istandards tal-UE.

Amministrazzjoni pubblika li taħdem tajjeb hija meħtieġa għall-governanza demokratika u r-responsabbiltà. Il-kwalità tal-amministrazzjoni għandha mpatt dirett fuq il-kapaċità tal-gvernijiet li jipprovdu servizzi pubbliċi, biex jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni u biex isawwru l-kompetittività u t-tkabbir. Hemm bżonn li l-prinċipji tal-meritokrazija jiġu mnaqqxa fil-ġestjoni tas-servizz ċivili u li jkun hemm proċeduri amministrattivi xierqa. Minkejja li f'xi pajjiżi sar progress matul is-sena li għaddiet għad fadal ħafna aktar x'isir.

Il-pajjiżi jridu jsibu bilanċ xieraq bejn il-gvern ċentrali, reġjonali u lokali li l-aħjar jappoġġa l-implimentazzjoni tar-riformi u l-forniment ta' servizzi liċ-ċittadini. Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess ta' allinjament fl-UE u l-applikazzjoni eventwali tar-regoli tal-UE huwa kruċjali wkoll.

Iċ-ċittadini mhux biss għandhom dritt għal amministrazzjoni tajba iżda wkoll biex ikunu attivament involuti fit-tfassil tal-politika. Għad fadal ħafna xi jsir biex tissaħħaħ id-demokrazija parteċipattiva u jiġi żviluppat djalogu bejn minn jieħdu d-deċiżjonijiet u l-partijiet konċernati. Soċjetà ċivili emanċipata hija komponent kruċjali ta' kull sistema demokratika. Hija ttejjeb ir-responsabbiltà politika u l-koeżjoni soċjali, tkattar l-għarfien u l-

inklussività tar-riformi relatati mal-adezzjoni, kif ukoll tappoġġa r-rikonċiljazzjoni f'soċjetajiet maqsuma mill-kunflitt.

F'xi każijiet, irid jiġi żviluppat ambjent ta' sostenn u għajnuna li jtejjeb il-kundizzjonijiet għall-djalogu politiku u l-input mhux partiġjan fil-proċess ta' teħid ta' deċizzjonijiet, bl-għajnuna ta' statistiċi ta' kwalità tajba mogħtija minn korpi nazzjonali indipendenti tal-istatistika. L-indipendenza u l-effikaċja ta' korpi ewlenin bħal l-Ombudsman u l-istituzzjonijiet tal-istat għall-awditjar iridu jiġu garantiti u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom segwiti b'mod xieraq.

III. IL-KOOPERAZZJONI REĠJONALI

a) L-aġenda tal-konnettività

Il-konnettività hija verament fiċ-ċentru tal-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-integrazzjoni bejn il-pajjiżi individwali u bejn dawn il-pajjiżi u l-UE. Dawn l-isforzi jservu wkoll biex imexxu 'l quddiem il-perspettiva Ewropea tagħhom. It-titjib fil-konnettività jeħtieġ kemm investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport u l-implimentazzjoni ta' miżuri "mhux vinkolanti" biex jinfetħu s-swieq, jitneħħew l-ostakoli għall-integrazzjoni u jinħoloq ambjent regolatorju trasparenti.

Il-konnettività mtejba fil-Balkani tal-Punent u mal-UE huwa fattur kruċjali għat-ktabbir u l-impjieg, għaliex issaħħaħ is-sinsla tal-kompetittività tal-pajjiżi. Hija ġġib benefiċċji ċari għaċ-ċittadini fl-Istat Membri aspiranti diġà qabel l-adezzjoni u opportunitajiet miftuħa għall-investituri tal-UE. L-aġenda tal-konnettività hija marbuta mill-qrib mal-governanza ekonomika u l-Programmi għar-Riforma Ekonomika ppreparati mill-pajjiżi tat-ktabbir. Barra minn hekk, l-aġenda ta' konnettività tikkontribwixxi biex jinbdew punti ta' kuntatt fir-reġjun, jiżviluppaw relazzjonijiet tajbin mal-ġirien u jiġu promossi l-paċi u r-rikonċiljazzjoni.

Qiegħed isir progress importanti fil-kuntest tal-"proċess ta' Berlin" u l-format tas-"Sitt Balkani tal-Punent", li qiegħed jappoġġa approċċ reġjonali biex jiġu stabbiliti prijoritajiet realistiċi għal proġetti infrastrutturali ewlenin għall-konnettività u investimenti kif ukoll iħeġġeġ ir-riformi meħtieġa. Fi Vjenna f'Awwissu, il-kapijiet tal-istat u tal-gvernijiet kemm mir-reġjun u numru ta' Stati Membri taw ħarsa lejn il-progress li sar u ftehm u dwar prijoritajiet għal aktar żvilupp infrastrutturali.

Fil-qasam tat-**trasport**, is-Samit ta' Vjenna bena fuq il-ftehim tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent f'April 2015 dwar in-netwerk ewlieni u f'Ġunju fuq l-estensjoni ta' tliet passaġġi ewlenin tan-Netwerk trans-Ewropej tat-trasport lejn il-Balkani tal-Punent. Il-pajjiżi identifikaw il-proġetti prijoritarji fost sezzjonijiet ta' dawn il-passaġġi biex jiġu implimentanti sal-2020. Biex jiżguraw is-sostenibbiltà kif ukoll jiksbu riżultati f'terminu qasir, il-pajjiżi ftehm li qabel is-samit li jmiss f'Pariġi fis-sajf tal-2016 jimplimentaw numru ta' miżuri mhux vinkolanti bħal pereżempju l-allinjament u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-qsim tal-fruntieri, is-sigurtà fit-toroq u l-iskemi ta' manteniment. Dan il-ftehim se jiġi meġħjun ukoll mit-tlestija tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport li se jippromwovi l-integrazzjoni tas-swieq u l-infrastruttura tat-trasport fuq l-art, filwaqt li jgħin lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jimplimentaw l-istandards għat-trasport fuq l-art tal-UE.

Ġiet identifikata wkoll għażla ta' proġetti prijoritarji minn fost il-35 Proġett ta' Interess Komunitarju tal-**Enerġija** (PECI), l-aktar l-interkonnetturi tal-enerġija. Barra minn hekk, il-pajjiżi ftehm wkoll biex jieħdu passi biex jistabbilixxu suq reġjonali tal-enerġija. Il-miżuri li se jwasslu għal riżultati anki f'terminu qasir jinkludu l-garanzija ta' konformità sħiħa mar-

rekwiżiti legali eżistenti taħt it-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, fosthom fl-oqsma tad-diżaggregazzjoni, aċċess ta' partijiet terzi, u t-tisħiħ tal-indipendenza regulatorja.

Rigward it-tibdil fil-klima, l-Istati Membri aspiranti jridu jwettqu riformi sinifikanti li jkunu konsistenti mal-qafas tal-EU2030 għall-klima u l-politiki tal-enerġija u jimplimentaw l-impjenji internazzjonali tagħhom dwar il-klima.

Il-proġetti ta' investiment identifikati jeħtieġu finanzjament sinifikanti u kofinanzjament fosthom permezz tal-Qafas għall-Investment tal-Balkani tal-Punent sabiex jappoġġaw investimenti li jkattu l-impjiegi u t-tkabbir u jipromwovu l-konnettività fir-reġjun. Il-koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFI) qiegħda tiġi msaħħa. Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent waqqfu Kumitati Nazzjonali għall-Investment li elaboraw abbozz ta' sett ta' proġetti uniċi li jridu jsiru mekkaniżmi kredibbli ta' ppjanar u prijoritarizzazzjoni sabiex il-pajjiżi jkollhom ir-riżorsi baġitarji u l-kapaċità fiskali biex jieħdu s-self meħtieġ biex jimplimentaw il-proġetti kollha fil-ħin.

Iż-żagħżagħ u l-edukazzjoni huma prijorità ewlenija oħra. Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim dwar l-"Aġenda Pożittiva għaż-Żagħżagħ fil-Balkani tal-Punent" u l-ftehim tal-Balkani tal-Punent dwar Pjattaforma għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ fuq l-il proġett reġjonali li għandhom l-għan jappoġġaw ir-riformi u jżidu l-kapaċità. L-inizjattivi bil-programmi Erasmus+ se jkunu promossi aktar, fosthom il-qasam speċifika taż-Żagħżagħ, u l-intraprenditorija. Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll il-ħidma tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali mal-pajjiżi dwar ir-rikonnoxximent reċiproku ta' diplomi li jistgħu jtejbu l-mobilità reġjonali u jissarrfu fi swieq tax-xogħol aktar effiċjenti.

Integrazzjoni tas-suq aktar profonda hija prijorità oħra għar-reġjun. Permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (Central European Free Trade Area, CEFTA), it-tariffi u l-kwoti għall-prodotti industrijali u agrikoli ġew eliminati. Il-flussi tal-kummerċ limitati intra-reġjonali huma fil-bieċa l-kbira tagħhom konsegwenza ta' negozji mhux kompetittivi. Il-pajjiżi identifikaw miżuri għall-kompetittività speċifiċi fil-Programmi għar-Riforma Ekonomika li ppreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea f'Jannar 2015. Huwa importanti li jkun hemm l-aħjar taħlita ta' inċentivi għan-negozji, biex tiġi evitata ħsara fil-kompetittività tat-taxxa. Il-Kummissjoni se twettaq studju komparattiv dwar l-inċentivi għan-negozji.

Fil-qasam tal-ICT u l-komunikazzjoni elettronika, is-suq uniku diġitali tal-UE għandu jitqies bħala mudell għall-pajjiżi tat-tkabbir biex jiġi assigurat aċċess aħjar għall-konsumaturi u n-negozji għas-servizzi u prodotti diġitali; biex joħolqu kundizzjonijiet tajba u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-netwerks diġitali u s-servizzi innovattivi; u biex jimmassimizzaw il-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija diġitali. Il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali u l-pajjiżi, permezz tal-inizjattiva e-SEE, diġà bdew jaħdmu fuq kooperazzjoni konkreta f'dan il-qasam, bħal żona ħielsa mir-roaming fil-Balkani tal-Punent.

Il-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ ix-xogħol tal-Proċess ta' Kooperazzjoni fl-Ewropa tax-Xlokk u l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR), kif ukoll l-istrateġija tal-2020 Reġjonali u l-enfasi tagħha fuq l-appoġġ tal-kooperazzjoni ekonomika u l-iżvilupp fir-reġjun. Il-Kummissjoni tilqa' l-intensifikazzjoni tax-xogħol tal-inizjattiva tas-Sitt Balkani tal-Punent, li appoġġat ukoll l-attenzjoni fuq il-konnettività bil-proċess ta' Berlin.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa x-xogħol f'dawn l-oqsma u tinvestiga mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent oqsma ġodda ta' kooperazzjoni. Dan jinkludi l-aħjar prattiki tal-UE għall-istabbiliment ta' prijoritàjiet reġjonali bħal l-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, li tista' tħeġġeġ aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali.

b) Relazzjonijiet tajba mal-ġirien u l-kooperazzjoni reġjonali

Ir-relazzjonijiet tajba mal-ġirien u l-kooperazzjoni reġjonali huma elementi essenzjali tal-proċessi ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u tat-tkabbir, li jkomplu jmxexxu t-trasformazzjoni u jissudaw l-istabbiltà fil-pajjiżi tax-xlokk tal-Ewropa li jixtiequ jissieħbu mal-Unjoni Ewropea. Reġġu saru kuntatti mill-ġdid u kooperazzjoni fuq livell bilaterali u reġjonali, foqsmha sensittivi bħal reati tal-gwerra, ir-ritorn tar-refuġjati, il-kriminalità organizzata u l-kooperazzjoni tal-pulizija. Ir-relazzjonijiet tajba mal-ġirien jibqgħu jiġu msaħħa permezz ta' diversi inizjattivi reġjonali ta' kooperazzjoni. Il-kuntatti reġjonali fuq livell ta' prim ministri u ministri wkoll qegħdin iżidu fil-frekwenza tagħhom. Huwa importanti li dawn l-inizjattivi huma kumplimentari, inklussivi u mmexxija jew ġejjin minn sors reġjonali. F'Awwissu, ġew iffirmati ftehimiet dwar il-fruntieri bejn il-Montenegro u l-Bożnija-Herzegovina, u bejn il-Montenegro u l-Kosovo. Il-kooperazzjoni reġjonali dwar il-kwistjonijiet ambjentali għandha tkompli, b'attenzjoni partikolari fuq il-prevenzjoni tal-għargħar u l-ilma (baċiri idrografiċi transfruntiera), it-tniġġis tal-arja u l-protezzjoni tan-natura (iż-żoni transfruntieri protetti).

Fl-istess ħin hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jingħeleb it-**tilwim bilaterali** fost il-pajjiżi tat-tkabbir u mal-Istati Membri. Ħafna kwistjonijiet li għadhom ma ġewx solvuti jibqgħu jkunu ta' piż fuq ir-relazzjonijiet bilaterali fir-reġjun, speċjalment daww ġejjin mid-diviżjoni ta' dik li kienet il-Jugożlavja bħal tilwin bejn il-gruppi etniċi u tal-*istatus*, is-sitwazzjoni tal-minoritajiet, ir-responsabbiltà għar-reati tal-gwerra, il-persuni spustati, persuni nieqsa u d-demarkazzjoni tal-fruntieri. Ir-rikonċiljazzjoni u tmexxija politika responsabbli huma essenzjali biex jippromwovu stabbiltà u jgħinu fil-ħolqien ta' ambjent fix-xlokk tal-Ewropa li jista' jwassal sabiex jingħeleb il-legat tal-passat, biex b'hekk jiġi minimizzat ir-riskju li kwistjonijiet bilaterali miftuħa jiġu strumentalizzati politikament jew li jqumu kwistjonijiet ġodda. Għandha tingħata aktar għajnuna fir-reġjun lejn l-isforzi ta' rikonċiljazzjoni bħal pereżempju permezz tal-inizjattiva ta' verità u rikonċiljazzjoni tal-Kummissjoni ta' Koalizzjoni għar-Rikonċiljazzjoni (Coalition for Reconciliation Commission, RECOM).

Il-kwistjonijiet bilaterali għandhom jiġu indirizzati mill-partijiet konċernati mill-aktar fis possibbli u ma għandhomx iwaqqfu l-proċess ta' adeżjoni, li għandu jkun ibbażat fuq kundizzjonalità stabbilita. Il-Kummissjoni tteġġeg lill-partijiet biex jagħmlu kull sforz possibbli biex isolvu l-kwistjonijiet pendenti skont prinċipji u mezzi stabbiliti, anki billi jirreferu l-kwistjonijiet kif xieraq lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jew korpi oħra eżistenti jew *ad hoc* għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. L-ambjent posittiv madwar is-Samit ta' Vjenna f'Awwissu - fejn il-mexxejja tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent iffirmax ftehim fejn impenjaw ruħhom li ma jimblukkawx il-progress rispettiv tagħhom lejn sħubija fl-UE u biex jagħmlu użu mill-arbitraġġ internazzjonali kull meta l-kwistjonijiet bilaterali ma jkunux jistgħu jissolvu mill-partijiet konċernati - huwa ta' min jifraħ bih u għandha tkompli l-ħidma f'din l-atmosfera.

Kien hemm progress importanti fil-proċess ta' normalizzazzjoni bejn is-Serbja u l-Kosovo, b'aktar ftehimiet storiċi f'Awwissu. Dan il-proċess jrid jiġi segwit u l-ftehimiet kollha (fosthom il-Ftehim ta' Brussell³) jridu jiġu implimentati. L-UE integrat ir-rekwiżit għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet fil-qafas għan-negozjati tal-adeżjoni mas-Serbja u fl-SAA mal-Kosovo. Rigward dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, tibqa' essenzjali ż-żamma ta' relazzjonijiet tajba mal-ġirien, fosthom soluzzjoni n-negozjata u reċiprokament aċċettabbli għall-kwistjoni speċifika, taħt l-awspiċi tan-NU, li trid tinsab mingħajr aktar dewmien.

³ April 2013 "L-ewwel ftehim fuq il-prinċipji li jirregolaw in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet".

Il-Kummissjoni se tkompli toffri għajnuna politika lill-pajjiżi konċernati kollha biex jinstabu soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet bilaterali malajr kemm jista' jkun u tkompli tappoġġa attivament l-isforzi f'fora oħra biex jinstabu aktar soluzzjonijiet.

Il-Kummissjoni tilqa' l-għajnuna tat-**Turkija** sabiex jitkomplew it-taħditiet ta' ftehim f'Ċipru mmexxija min-NU. Issa huwa importanti li jsir progress malajr kemm jista' jkun f'dawn it-taħditiet. Skont il-pożizzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni minn snin preċedenti, it-Turkija trid tissodisfa l-obbligu tagħha li timplimenta bis-sħiħ il-Protokoll Addizzjonali b'urġenza u tagħmel progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru. Dan jista' jipprovdi momentum ġdid għall-proċess ta' adegżjoni. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li jiġu evitati kull tip ta' theddid, sors ta' tensjoni jew azzjoni li jistgħu jagħmlu ħsara lir-relazzjonijiet tajba mal-ġirien u s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim. Il-Kummissjoni tfakkar mill-ġdid id-drittijiet sovrani kollha tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Dan jinkludi, *inter alia*, id-dritt li Stat jipparteċipa fi ftehimiet bilaterali u li jesplora u jisfrutta r-riżorsi naturali skont l-acquis tal-UE u d-dritt internazzjonali, fosthom il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar.

IV. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Skont l-analiżi aktar 'il fuq u l-valutazzjonijiet fis-sommarji tal-pajjiżi fl-anness, il-Kummissjoni tippreżenta l-**konklużjonijiet** u r-**rakkomandazzjonijiet** li ġejjin:

I

1. Il-politika tat-tkabbir tal-UE hija investiment fil-**paċi**, is-**sigurtà** u l-**istabbiltà** fl-Ewropa. Hija tipprovdi aktar opportunitajiet ekonomiċi u għall-kummerċ għall-benefiċċju reċiproku tal-UE u l-Istati Membri aspiranti.
2. Il-pajjiżi tat-tkabbir iridu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti sabiex jissieħbu mal-UE. Proċess ta' adegżjoni strett, imsawwar fuq **kundizzjonalità** stretta iżda ġusta u **l-prinċipju tal-mertu proprju**, huwa essenzjali għall-kredibilità tal-politika tat-tkabbir, biex ikun hemm inċentivi għall-pajjiż tat-tkabbir biex iwettqu riformi komprensivi u sabiex ikun hemm l-appoġġ taċ-ċittadini tal-UE.
3. L-isfidi li għandhom quddiemhom il-pajjiżi tat-tkabbir huma tali li ħadd minnhom mhu se jkun lest biex jissieħeb mal-UE matul il-mandat ta' din il-Kummissjoni. Dan jenfasizza l-bżonn li terġa' tiġi mfakkra l-attenzjoni fuq il-prinċipju ta' "**l-ewwel il-kwistjonijiet fundamentali**" fil-proċess ta' adegżjoni, li se jkun **is-sinsla tal-politika tat-tkabbir** taħt din il-Kummissjoni.
4. Għalhekk Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-isforzi tagħha sabiex tiżgura li l-pajjiżi jagħtu prijorità lir-riformi fl-oqsma prinċipali tal-**istat tad-dritt**, fosthom ir-riformi ġudizzjarji u l-indirizzar tal-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, id-drittijiet fundamentali, fosthom il-libertà tal-espressjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, li sseħħ l-aktar kontra l-komunità LGBTI u r-Rom, u l-ħidma tal-istituzzjonijiet demokratiċi kif ukoll ir-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika**. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll biex tippromwovi l-**iżvilupp ekonomiku** u ssaħħaħ il-kompetittività.
5. **Il-kwistjonijiet fundamentali huma kemm indiviżibbli u jsaħħu lil xulxin reċiprokament**. It-tisħiħ tal-istat tad-dritt ikattar iċ-ċertezza legali, iħeġġeġ u jħares l-investiment u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti lejn l-appoġġ tal-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività. Huwa importanti li l-proċess tat-tkabbir jiffaċilita dawn is-sinerġiji, jipprovdi xprunar aktar b'saħħtu għar-riformi ekonomiċi sabiex l-Istati Membri aspiranti jgawdu mill-benefiċċji ta' ekonomiji tas-suq operattivi flimkien ma' stat tad-

dritt b'saħħtu qabel ma jissieħbu, biex b'hekk jikkontribwixxu għat-tħaddim tajjeb tal-Unjoni kollha kemm hi.

6. Il-Balkani tal-Punent u t-Turkija ġew affettwati serjament mill-**kriżi tar-refuġjati**, bit-Turkija b'mod partikolari jkollha rwol kruċjali fl-ġhoti ta' għajjnuna umanitarja lir-refuġjati. Hemm bżonn ta' aktar kooperazzjoni mar-reġjun usa' biex jiġi indirizzat dan il-fenomeno, biex jiġu indikati n-nies li għandhom bżonn il-protezzjoni, biex tingħata l-assistenza, biex jiġu mħarsa l-fruntieri esterni tal-UE u biex jitħattu n-netwerks kriminali involuti fil-kuntrabandu tan-nies. L-UE qiegħda tagħti għajjnuna sostanzjali għal dan il-għan. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li l-lista tal-pajjiżi ta' oriġini bla periklu tal-UE tinkludi l-pajjiżi tat-tkabbir kollha.
7. Il-perspettiva ċara ta' sħubija fl-UE għall-Balkani tal-Punent hija fattur stabilizzatur kruċjali f'reġjun fejn huma meħtieġa aktar sforzi sabiex jingħeleb il-legat tal-passat u tissawwar ir-rikonċiljazzjoni. **Ir-relazzjonijiet tajba mal-ġirien u l-kooperazzjoni reġjonali** huma elementi essenzjali tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u sar progress matul is-sena li għaddiet.
8. Il-Kummissjoni qiegħda tagħti appoġġ b'saħħtu lill-**aġenda dwar il-konnettività**, li rat progress importanti fis-Samit ta' Vjenna f'Awwissu. Intlaħaq ftehim fuq in-netwerk tat-trasport ewlieni u l-proġetti ewlenin tat-trasport u tal-infrastruttura tal-enerġija se jiġu implimentati. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa dan il-proċess, anki permezz ta' finanzjament sinifikanti mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.
9. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi **strateġija komprensiva u globali għal perjodu ta' żmien medju għall-politika tat-tkabbir tal-UE**. Il-Kummissjoni se tkompli tadotta komunikazzjonijiet annwali biex tagħti rendikont tal-progress, tasal għal konklużjonijiet, tagħmel rakkomandazzjonijiet fuq kwistjonijiet tematiċi jew fil-pajjiżi u tipproponi tibdiliet fl-istrateġija globali kif meħtieġ.
10. Il-Kummissjoni introduċiet approċċ ġdid u msaħħaħ għall-valutazzjonijiet tagħha fir-**rapporti annwali tal-pajjiżi** tagħha fuq bażi pilota f'numru ta' oqsma ewlenin tar-riforma. Minbarra r-rapportar fuq il-progress, qiegħed isir aktar enfasi fuq il-livell attwali ta' thejġija għall-obbligi tas-sħubija u l-ġhoti ta' gwida aktar ċara lill-pajjiżi dwar kif għandhom jiġġestixxu r-riformi. Dan iżid it-trasparenza, li tiffaċilita skrutinju ikbar fil-proċess ta' riforma mill-partijiet konċernati kollha, fosthom is-soċjetà ċivili, li għalih hemm bżonn li jiġi żviluppat ambjent aktar permissiv. Il-valutazzjonijiet aktar armonizzati jżidu l-kumparabbiltà bejn il-pajjiżi.

II

11. **Il-Montenegro:** In-negozjati tal-adeżjoni tal-UE mal-Montenegro avvanzaw. Il-qafas leġislattiv tal-istat tad-dritt ittejjeb u qegħdin jitwaqqfu istituzzjonijiet ġodda. Għall-proċess tan-negozjati globali hemm bżonn li s-sistema kollha tal-istat tad-dritt fil-Montenegro tagħti l-frott, b'mod partikolari biex jiġi stabbilit bilanċ ta' suċċess fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Il-progress fil-kisba tal-parametri ta' referenza provviżorji fil-kapitoli dwar l-istat tad-dritt u n-nuqqasijiet rilevanti identifikati, kif murija mir-riżultati tanġibbli, jiddetermina l-pass globali tan-negozjati tal-adeżjoni. Il-partiti politiċi kollha għandhom ikunu responsabbli u jergġhu jieħdu sehem f'dialogo kostruttiv, bil-parlament il-forum ewlieni għad-dibattitu politiku. Il-Montenegro għandu jiżgura wkoll l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni elettorali l-ġdida. Irid inaqqas id-dejn pubbliku u jtejjeb il-kompetittività tiegħu għall-prodotti agrikoli u industrijali.
12. **Is-Serbja:** Is-Serbja ħadet passi kbar li għandhom iwasslu sabiex jinfetħu l-ewwel kapitolu tan-negozjati mal-UE. Hija ffinalizzat pjanijiet ta' azzjoni komprensivi fil-

qasam tal-istat tad-dritt u kisbet ukoll numru ta' ftehimiet ewlenin mal-Kosovo li jirrapreżentaw pass storiku fil-proċess ta' normalizzazzjoni. Il-pass globali tan-negozjati jiddependi b'mod partikolari fuq il-progress sostenibbli f'dawn iż-żewġ oqsma. Il-Kummissjoni tistenna bil-ħerqa għall-ftuħ tal-ewwel kapitolu tan-negozjati matul KIG din is-sena. Fil-qasam tal-istat tad-dritt, ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata se jingħataw importanza ewlenija. Il-proċess tar-riformi ekonomiċi jrid ikompli, b'enfasi speċjali fuq ir-ristrutturar tal-intrapriża tal-istat u l-utilitajiet pubbliċi. Ir-rwol dejjem aktar kostruttiv u mexxej tas-Serbja fir-reġjun huwa strumentali fit-titjib tar-rabtiet u l-istabilità reġjonali. Is-Serbja ġiet affettwata serjament mill-kriżi tar-refuġjati, fejn iġġestiet influż ta' aktar minn 200 000 ċittadin ta' pajjiż terz li qasam fit-territorju tagħha mill-bidu tas-sena.

13. **Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja:** Il-proċess tal-adeżjoni tal-UE ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja għadu mwaħħal. It-tkixxif fil-kuntest tal-każ ta' interċezzjoni kkonferma tħassib serju preċedenti tal-Kummissjoni u oħrajn dwar interferenza politika fil-ġudikatur u l-midja, b'aktar politiċizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Istat u t-tmexxija tal-elezzjonijiet. Fl-istess ħin, il-pajjiż għandu livell għoli ta' allinjament mal-acquis meta mqabbel ma' fejn jinsab fil-proċess ta' adeżjoni. L-atturi politiċi issa jridu jikkonċentraw bis-sħiħ fuq l-implimentazzjoni tal-"Prijoritajiet Urġenti tar-Riforma" u biex jegħlbu l-kriżi politika. Il-baġit għandu jkun immirat aktar lejn it-tkabbir u l-impjiegi, filwaqt li għandha tiġi mtejba l-fassla, it-transparenza u l-implimentazzjoni globali tiegħu. Jibqa' essenzjali hija jittieħdu passi deċiżivi lejn soluzzjoni għall-"kwistjoni tal-isem". Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja ġiet serjament affettwata mill-kriżi tar-refuġjati, u ħabtet wiċċha ma' fluż ta' aktar minn 200 000 ċittadin ta' pajjiż terz li qasam fit-territorju tagħhom sa mill-bidu tas-sena.

Fid-dawl tal-progress li sar sa issa fl-implimentazzjoni tal-ftehim politiku ta' Ġunju / Lulju, il-Kummissjoni hija lesta testendi r-rakkomandazzjoni tagħha li jinfetħu n-negozjati għall-adeżjoni ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja. Dan jiddependi jekk tkomplex l-implimentazzjoni tal-ftehim politiku ta' Ġunju / Lulju, u jekk isirx progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet urġenti ta' riforma. Din il-kwistjoni terġa' tiġi indirizzata wara l-elezzjonijiet.

14. **L-Albanija:** L-Albanija għamlet progress tajjeb fl-indirizzar tal-prijoritajiet ewlenin għall-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni, b'mod partikolari fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u fil-preparamenti għal riforma komprensiva tas-sistema ġudizzjarja. L-adozzjoni tal-pakkett għar-riforma ġudizzjarja hija meħtieġa, kif ukoll aktar progress sabiex jiġi stabbilit bilanċ pożittiv ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjonijiet u kundanni finali f'kull livell fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. L-adozzjoni ta' leġislazzjoni dwar l-esklużjoni ta' awturi ta' reati mill-parlament ittejjeb il-fiduċja taċ-ċittadini fir-rappreżentanti politiċi tagħhom u fl-istituzzjonijiet pubbliċi. Djalogu politiku kostruttiv bejn il-partijiet irid isir għas-sostenibbiltà tal-proċess ta' riforma tal-UE. Huma meħtieġa aktar riformi biex jiġi sostnut il-konsolidament fiskali, jitjeb l-ambjent tan-negozju u tiġi indirizzata l-ekonomija informali.
15. **Il-Bożnija-Herzegovina:** Il-Bożnija-Herzegovina reġgħet lura fi triqtha sabiex timxi 'l quddiem fil-proċess ta' integrazzjoni tal-UE. Sabiex l-UE tikkunsidra applikazzjoni għas-sħubija mill-Bożnija-Herzegovina jrid isir progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma adottata b'konsensus politiku f'Lulju. L-impenji bil-miktub issa jridu tradotti fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi neċessarji, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt, fosthom il-ġlieda kontra l-

korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll friformi soċjo-ekonomiċi. Sabiex jindirizza l-livell ogħli ta' qgħad u r-rati baxxi ta' parteċipazzjoni, l-pajjiż irid inaqas in-natura mhux flessibbli fis-suq tax-xogħol, fosthom tnaqqis fil-porzjon tat-taxxa. Id-Djalogu Strutturat dwar il-Ġustizzja għandu jkun l-istrument li bih jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li għad hemm fil-ġudikatura tal-Bożnija-Ħerzegovina. It-tisħiħ tal-amministrazzjoni pubblika, it-titjib fil-kooperazzjoni f'kull livell u t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni effettiv fuq kwistjonijiet tal-UE huma wkoll neċessarji għall-pajjiż biex ikun jista' jaffaċċja l-isfidi 'l quddiem fit-triqtu lejn l-UE. L-adattament tal-FSA sabiex titqis ukoll l-adeżjoni tal-Kroazja fl-UE jrid jiġi ffinalizzat b'urġenza.

16. **Il-Kosovo:** Il-Kummissjoni tilqa' l-iffirmar tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li jipprovdi qafas komprensiv għal relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Kosovo. Id-deċiżjoni tal-Kosovo li tistabbilixxi l-Kmamar Speċjalizzati sabiex jiġu mismugħa reati kriminali fil-kuntest tal-kunflitt tal-Kosovo tikkostitwixxi pass 'il quddiem sinifikanti. Hija laħqet ukoll ftehimiet ewlenin mas-Serbja li jirrappreżentaw pass storiku fil-proċess ta' normalizzazzjoni. Il-Kosovo għandu jżomm dan il-*momentum* pożittiv, anki billi jindirizza d-diversi sfidi ta' riforma li ġejjin, b'mod partikolari fl-istat tad-dritt fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Hemm bżonn urġenti għall-gvern u għall-Assemblea biex jiżguraw li l-membri tal-bord għal ħafna istituzzjonijiet indipendenti u awtoritajiet regolatorji jinħatru, mingħajr aktar dewmien, abbażi tal-mertu. Il-Kummissjoni tilqa' l-progress li sar biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-proċess ta' liberalizzazzjoni tal-viża. Il-Kosovo ħa xi miżuri effettivi fuq terminu qasir biex iwaqqaf il-migrazzjoni illegali lejn l-UE. L-assemblea għandha titħalla żżomm dibattitu ħieles u miftuħ fuq il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-Kosovo, skont il-proċeduri demokratiċi. L-ostakoli fuq l-assemblea u l-vjolenza għal raġunijiet politiċi mhumiex aċċettabbli.
17. **It-Turkija:** It-Turkija hija sieħeb ewlieni għall-Unjoni Ewropea. Matul l-aħħar sena, l-UE u t-Turkija komplew isaħħu l-kooperazzjoni bejniethom foqasma ewlenin ta' interess konġunt. It-Turkija qiegħda taffaċċja kwistjonijiet serji fil-politika barranija u s-sigurtà, fosthom it-theddid dejjem jikber tat-terroriżmu. It-Turkija tinsab ukoll minn ta' quddiem li trid taffaċċja kriżi serja tar-refuġjati u qiegħda ttiprovdi għajjnuna sostanzjali lil aktar minn 2 miljun refuġjat Sirjan fuq it-territorju tagħha. Bejn l-UE u t-Turkija huwa essenzjali li jkun hemm aktar djalogu politiku, kooperazzjoni u sħubija. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt għall-ġestjoni tar-refuġjati u tal-migrazzjoni bħala parti minn aġenda ta' kooperazzjoni komprensiva bbażata fuq ir-responsabbiltà konġunta, l-impenji reċiproċi u r-riżultati. L-UE u l-Istati Membri tagħha qalu li huma lesti li jikkooperaw aktar mat-Turkija u jżidu sostanzjalment l-impenn politiku u finanzjarju tagħhom fi ħdan il-qafas stabbilit. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt jikkontribwixxi biex iħaffef it-tlestija tal-pjan ta' direzzjoni għal-liberalizzazzjoni tal-viża għall-Istati Membri parteċipanti kollha u l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim ta' riammissjoni. Il-progress jiġi evalwat fil-ħarifa tal-2016, fejn sa dak iż-żmien il-Kummissjoni tkun ħarġet it-tieni rapport ta' implimentazzjoni tal-viża tagħha.

Il-progress tat-Turkija fuq ir-riformi madankollu nżamm lura minħabba elezzjonijiet repetuti u konfronti politiċi. Nuqqasijiet sinifikanti affettwaw lill-ġudikatura. Is-sitwazzjoni rigward il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-assemblaġġ tkompli tmur għall-agħar. Il-proċess ta' ftehim dwar il-kwistjoni Kurda waqqfet ħabta u sabta. Rigward l-allinjament mal-acquis tal-UE b'mod aktar ġenerali, it-Turkija laħqet stat ta' tħejjija tajjeb f'ħafna oqsma. It-Turkija hija ekonomija tas-suq bi tkabbir modest iżda għad għandha bżonn tindirizzi żbilanċi makroekonomiċi u twettaq aktar riformi strutturali. L-UE u t-Turkija intensifikaw il-ħidma tagħhom biex jgħollu l-profil tar-

relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali konġunti tagħhom, billi anki ħaddnu l-prinċipji ta' modernizzazzjoni u estensjoni tal-Unjoni Doganali u tejbu d-djalogu tal-politika fis-settur tal-enerġija.

L-UE tinsab lesta biex terġa' taħdem mat-Turkija fuq l-ispettru sħiħ tal-aġenda komuni tagħna. It-Turkija trid tagħti spinta ġdida lir-riformi fl-oqsma tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali. Huwa importanti ħafna li jerġgħu jibdew mingħajr dewmien it-taħditiet dwar il-paċi. Il-Kummissjoni tistenna bil-ħerqa biex taħdem fuq dawn il-prijoritajiet mal-gvern il-ġdid wara l-elezzjonijiet tal-1 ta' Novembru.

Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda ukoll li l-proċess ta' adeżjoni għandu bżonn jingħata spinta ġdida sabiex isir progress fin-negozjati skont il-qafas ta' negozjar u l-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill. Il-Kummissjoni pproponiet il-ftuħ tal-Kapitolu 17 u ssejjaħ lill-Kunsill biex jorganizza konferenza intergovernattiva qabel jispiċċa l-2015. F'Diċembru 2013 ġie ppreżentat rapport ta' skrinjar aġġornat dwar il-Kapitolu 31. Il-Kummissjoni se tirrevedi l-progress li sar f'kapitoli oħra u ppjanat li tippreżenta dokumenti ta' thejjiġa aġġornati għall-Kapitoli 15, 23, 24 u 26 sar-rebbiegħa 2016. Imbagħad jistgħu jibdew id-diskussjonijiet fil-Kunsill fuq dawn il-kapitoli kollha, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Istati Membri. B'mod partikolari, it-tnehdija mill-ġdid tal-preparamenti lejn il-ftuħ tal-Kapitoli 23 u 24 tagħti lit-Turkija pjan ta' direzzjoni komprensiv għar-riformi fl-oqsma essenzjali tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

Skont il-pożizzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni minn snin preċedenti, it-Turkija trid tissodisfa l-obbligu tagħha li timplimenta bis-sħiħ il-Protokoll Addizzjonali b'urġenza u tagħmel progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru. Il-Kummissjoni tilqa' bil-ferħ l-aħbar li se jkomplu t-taħditiet ta' ftehim f'Ċipru mmexxija min-NU. Issa huwa importanti li jsir progress malajr kemm jista' jkun f'dawn it-taħditiet. L-impenn u l-kontribut ta' Turkija f'termini konkreti lejn ftehim komprensiv huwa kruċjali. L-UE iddikjarat li hija lesta takkomoda t-termini ta' ftehim skont il-prinċipji li fuqhom hija mibnija l-Unjoni.

V. ANNESSI

1. Sommarji tar-riżultati mir-rapporti tal-pajjiżi
2. Tibdil fir-rapporti annwali tal-pajjiżi
3. Statistika ewlenija

ANNEX 1 - SOMMARJI TAR-RIŻULTATI MIR-RAPPORTI TAL-PAJJIŻI

Il-Montenegro

Fir-rigward tal-**kriterji politiċi**, trid tiġi implimentata bis-sħiħ il-leġislazzjoni elettorali l-ġdida, adottata fl-2014, kif ukoll l-identifikazzjoni elettronika tal-votanti. Ma sarx segwitu politiku fuq l-allegat abbuż tal-fondi pubbliċi għall-iskopijiet politiċi tal-partit ("il-każ tar-reġistrazzjoni ta' smigħ").

Xi partiti fl-oppożizzjoni bdew bojkott tal-Parlament f'Settembru. Kienet organizzata wkoll serje ta' protesti barra l-Parlament. Dawn il-protesti wasslu għal konfrontazzjoni bejn il-pulizija u d-dimostranti. Huwa mistenni li l-inċidenti ta' vjolenza u l-allegazzjonijiet ta' użu eċċessiv tal-forza matul dawn l-avveniment jiġu investigati b'mod xieraq. Fl-istess ħin, il-partiti politiċi kollha għandhom jergġhu jieħdu sehem fi djalogu politiku kostruttiv fil-Parlament.

Sar progress fit-titjib tal-kooperazzjoni bejn il-gvern u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, speċjalment rigward il-parteċipazzjoni ta' dawn tal-aħħar fil-proċess ta' adeżjoni, fejn is-soċjetà ċivili għad għandha rwol attiv. Għandhom jinħolqu l-kundizzjonijiet li jagħtu inċentiv għax-xogħol volontarju, l-attività ċivika u l-intraprenditorija soċjali.

Rigward ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-Montenegro huwa ppreparat b'mod moderat. Madankollu, ir-riżultati li kiseb biex jiżgura reklutaġġ ibbażat fuq il-mertu u l-indirizzar tal-politiċizzazzjoni mhumiex uniformi; dan għandu jiġi żgurat fuq kull livell, fosthom il-pożizzjonijiet superjuri. Dwar il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, il-Montenegro għandu jara li l-istandards kontabilistiċi tiegħu jkunu konformi ma' standards internazzjonali u jqiegħed fis-seħħ qafas ta' kontroll intern b'saħħtu u jtejjeb il-konformità legali.

Is-sistema ġudizzjarja hija moderament preparata. Ittieħdu passi importanti sabiex il-qafas legali jkun konformi mal-istandards Ewropej, u biex ikun hemm aktar professjonalità u indipendenza. L-enfasi issa għandu jkun fuq l-implimentazzjoni. Fl-2014, l-għadd ta' kawżi pendenti ma kienx ġie ridott b'mod sinifikanti. Il-kodiċi tal-etika għall-imħallfin u l-prosekuturi huma allinjati mal-istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti. Huma ppjanati strateġija għar-riforma tas-sistema ġudizzjarja (2014-2018) u pjan ta' azzjoni ta' akkumpanjament. Issa tinħtieġ l-implimentazzjoni bis-sħiħ tas-sistema l-ġdida ta' reklutaġġ, assessjar professjonali u l-promozzjoni.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-Montenegro kiseb livell ta' preparazzjoni. Madankollu, il-bilanċ pożittiv fuq investigazzjonijiet effettivi, prosekuzzjoni u kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjonim b'mod partikolari l-korruzzjoni fil-livelli għolja, għadu limitat. Fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-pajjiż kiseb livell ta' preparazzjoni. Hemm bżonn isiru aktar sforzi, b'mod partikolari sabiex jiġu investigati netwerks kriminali usa' u jitwaqqaf il-ħasil tal-flus.

Aktar progress fin-negozjati tal-adeżjoni b'mod globali jiddependi wkoll mill-progress li jsir fuq l-istat tad-dritt: il-progress fuq dan tal-aħħar irid jintwera, u evalwat, fuq il-bażi ta' bilanċ pożittiv kredibbli fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

Il-qafas legali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huwa, f'sens wiesgħa, konformi mal-istandards Ewropej, iżda għad hemm problemi bl-implimentazzjoni. Il-Montenegro kiseb livell ta' preparazzjoni fil-qasam tal-libertà ta' espressjoni. Madankollu, jibqa' tħassib dwar: Kien hemm istanzi ta' attakki kontra l-professjonisti tal-midja u l-proprjetà matul il-perjodu ta' rapportar, għalkemm f'numru inqas minn ta' snin preċedenti. Xi każijiet ta' vjolenza kontra l-midja għandhom iridu jiġu investigati, fosthom l-aktar każ serju, dak tal-qtil ta' editur fl-2004. In-nuqqas ta' standards professjonali u etiċi, flimkien ma nuqqas ta' awtoregolamentazzjoni effiċjenti, ma javvanzax il-libertà tal-midja.

Il-Montenegro għad għandu rwol kostruttiv fil-kooperazzjoni reġjonali u ħa passi importanti biex sab soluzzjonijiet aċċettabbli għaż-żewġ naħat għall-kwistjonijiet bilaterali mal-ġirien tiegħu, fosthom l-iffirmar ta' ftehimiet dwar il-fruntieri mal-Bożnija-Herzegovina u l-Kosovo f'Awwissu.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, il-Montenegro huwa moderament preparat biex jiżviluppa ekonomija tas-suq li taħdem. Sar xi progress fis-segwitu tal-konsolidament fiskali u t-titjib tal-ambjent tan-negozju. Fl-2013 l-ekonomija rkuprat mir-reċessjoni doppja fl-2009 u fl-2012. Wara tnaqqis ħafif fir-ritmu fl-2014, it-tkabbir ekonomiku reġa' kiseb *momentum*, xprunat mill-investimenti. Filwaqt li l-kostruzzjoni tat-triq pubblika tal-Bar-Bolja, flimkien mal-investimenti l-oħra fl-enerġija, it-trasport u t-turiżmu, se tgħin it-tkabbir ekonomiku, hemm riskju li l-ispiża tat-triq pubblika tista' taffettwa s-sostenibbiltà fiskali. Il-Montenegro għandu jagħmel sforz biex inaqqas id-dejn pubbliku tiegħu. Il-banek iridu jħabbtu wiċċhom ma' livell għoli u persistenti ta' self improduttiv, problemi fl-irkupru tad-dejn u profitabbiltà baxxa minħabba d-daqs żgħir tas-suq, li jirriżultaw f'kreditu skars u mhux irħis. Minkejja titjib żgħir, il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol mhix sodisfaċenti, b'rata tal-qgħad li għadha għolja u li attwalment hija ta' 18 %.

Il-Montenegro huwa moderatament preparat fil-kapaċità tiegħu biex jaffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Madankollu, għall-prodotti agrikoli u industrijali, il-Montenegro għadu jbatu minn kompetittività baxxa, li trid titjib. Għad hemm bżonn ta' riformi kbar biex isaħħu l-infrastruttura fiżika u l-kapital uman tal-pajjiż, u biex jiġi żgurat ambjent regolatorju prevedibbli u ta' għajjnuna.

Dwar jekk hux **kapaċi jerfa' r-responsabbiltà tal-obbligi tas-sħubija**, il-Montenegro huwa moderatament preparat għal bosta mill-kapitoli tal-acquis għalkemm il-livell ta' allinjament ivarja. Rigward l-akkwist pubbliku, il-Montenegri huwa moderatament preparat. Trid issir aktar ħidma biex ma jkunx hemm korruzzjoni matul iċ-ċiklu tal-akkwist pubbliku. Dwar il-kontroll, il-Montenegro wkoll huwa moderatament preparat, iżda jridu jsiru sforzi sinifikanti biex jiġi implimentat il-kontroll intern pubbliku tal-finanzi (public internal financial control, PIFC) f'kull livell tal-amministrazzjoni pubblika u fl-intrapriża tal-istat. Rigward l-istatistika, il-Montenegro kiseb livell ta' preparazzjoni: jinħtieġu sforzi sinifikanti, speċjalment sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-istatistiki makro-ekonomiċi u tan-negozju mal-istandards tal-UE.

Il-Montenegro għadu fi stadju bikri ta' preparazzjoni fuq, *inter alia*, l-ambjent u t-tibdil fil-klima. L-allinjament mal-acquis u t-tiżiħ tal-kapaċità amministrattiva jibqgħu sfida sostanzjali għall-Montenegro.

Is-Serbja

F'dak li jikkonċerna l-**kriterji politiċi**, il-partijiet konċernati, kif ukoll is-soċjetà ċivili, kienu involuti b'mod aktar frekwenti fil-proċess ta' adeżjoni. Minkejja li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-korpi regolatorji indipendenti u l-Ombudsman kibret, hija għandha tibqa' titjib. L-użu ta' proċeduri urġenti fil-parlament għandu jiġi limitat. F'xi oqsma jkunu meħtieġa riformi kostituzzjonali għall-allinjament mal-istandards tal-UE.

Is-Serbja hija moderatament preparata fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Inkiseb progress tajjeb bl-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni komprensiv. Is-Serbja trid tkompli tagħti l-impenn tagħha u timplimenta l-miri tar-riformi tagħha. Rieda politika b'saħħitha għadha essenzjali sabiex tingħata xejra professjonali u titneħħa l-influenza politika fl-amministrazzjoni u sabiex il-proċeduri ta' reklutaġġ u tkeċċija mix-xogħol isiru aktar trasparenti, speċjalment għal karigi maniġerjali superjuri.

Is-sistema ġudizzjarja laħqet livell moderat ta' preparazzjoni. F'Mejju ġew adottati regoli ġodda għall-evalwazzjoni tal-imħallfin u tal-prosekuturi. Bosta mill-Presidenti tal-Qrati issa

għew maħtura fuq bażi permanenti. Iridu jittieħdu aktar passi biex tiġi indirizzata l-influenza politika. Il-kwalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura u l-aċċess għall-ġustizzja huma ostakolati minn distribuzzjoni mhux uniformi tax-xogħol, għadd ta' kawżi pendenti ta' piż kbir u nuqqas ta' sistema għall-għajnuna legali.

Is-Serbja hija preparata fuq xi livell biex tipprevjeni u tiġġieled il-korruzzjoni, li għadha mifruxa ħafna. L-isforz kontra l-korruzzjoni għad fadallu biex jagħti riżultati sinifikanti. Il-qafas istituzzjonali għadu ma jaħdimx bħala deterrent kredibbli. Jinħtieġ bilanċ pożittiv ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni effettivi f'każijiet ta' korruzzjoni anki f'livell għoli.

Is-Serbja hija moderatament preparata f'dak li jikkonċerna l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Sar operattivi laboratorji ġodda għall-ittestjar tad-DNA u tal-kimika tad-drogi. Il-pajjiż qiegħed jagħti sehem attiv fil-kooperazzjoni internazzjonali u reġjonali. Is-Serbja adottat strateġiji għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kif ukoll strateġija għal investigazzjoni finanzjarja, iżda għad ma għandhiex stampa strateġika tas-sitwazzjoni tal-kriminalità organizzata fit-territorju tagħha. Irid jiġi stabbili bilanċ pożittiv u kredibbli għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

Twaqqaf qafas legali u istituzzjonali għar-rispett tad-drittijiet fundamentali. Trid tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti madwar il-pajjiż, anki rigward il-protezzjoni tal-minoritajiet. Għad fadal xi jsir sabiex ikun hemm il-kundizzjonijiet kollha għall-eżerċizzju sħiħ tal-libertà tal-media u libertà ta' espressjoni, fejn is-Serbja hija moderatament preparata. Iridu jsiru aktar sforzi sabiex titjeb is-sitwazzjoni tar-Rom, tar-refuġjati u tal-persuni spustati. L-awtoritajiet ħadu passi biex isaħħu l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuna leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGTBI) u għal darba oħra ffaċilitaw Pride Parade f'Belgrad. Madankollu, għad hemm bżonn ta' kultura aktar b'saħħitha li tirrispetta l-persuni LGBTI.

Is-Serbja pparteċipat b'mod kostruttiv fl-inizjattivi reġjonali u ħadmet biex ittejjeb ir-relazzjonijiet bilaterali tagħha fi spirtu ta' rikonċiljazzjoni u relazzjonijiet tajba mal-ġirien. L-attenzenza tal-Prim Ministru fil-kommemorazzjoni tal-ġenoċidju f'Srebrenica f'Luju waslet messaggġ pożittiv.

Rigward in-**normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo**, is-Serbja baqgħet impenjata li timplimenta "L-ewwel ftehim tal-prinċipji li jirregolaw in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet" ta' April 2013 u ftehimiet oħra milħuqa permezz tad-djalogu ffaċilitat mill-UE. F'Awwissu għew iffinalizzati ftehimiet ewlenin fuq l-enerġija, it-telekomunikazzjoni, it-twaqqif tal-Assoċjazzjoni/Komunità ta' muniċipalitajiet b'maġġoranza Serba kif ukoll dwar il-Pont ta' Mitrovica. Id-djalogu kiseb aktar riżultati konkreti fl-oqsma tal-ġustizzja, l-integrazzjoni tal-protezzjoni ċivili, l-assigurazzjoni tal-vetturi, il-ġbir tad-dwana u l-ġestjoni integrata tal-fruntieri. Saru wkoll diskussjonijiet kostruttivi biex tittejjeb il-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-flussi migratorji mill-Kosovo. Il-passi li ttieħdu taw spinta ġdida lin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet u se jkollhom impatt pożittiv u konkret fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini kemm fil-Kosovo u fis-Serbja.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, is-Serbja hija moderatament preparata biex tiżviluppa ekonomija tas-suq li taħdem. Sar progress tajjeb biex jiġu indirizzati wħud min-nuqqasijiet fil-politika u jrid jinżamm il-*momentum* pożittiv sabiex jimxu 'l quddiem ir-riformi strutturali. L-ekonomija tas-Serbja qiegħda tirkupra minn reċessjoni. Grazzi għall-miżura ta' konsolidament u għbir tat-taxxi aħjar, id-defiċit tal-baġit naqas drastikament. Il-konsolidament fiskali għandu jkomplu u msaħħaħ minn riformi ta' implimentazzjoni kif ippjanat. L-inflazzjoni għadha baxxa ħafna, biex b'hekk il-bank ċentrali jkun jista' jnaqqas ir-rati tal-interessi. Il-qgħad, għalkemm għoli ħafna, waqa' taħt l-20 %. Sar progress fir-ristrutturar tal-kumpaniji tal-istat u l-utilitajiet ewlenin, iżda għad hemm aktar x'isir. Is-settur privat mhux żviluppat biżżejjed u huwa mfixkel minn nuqqasijiet fl-istat tad-dritt u l-aċċess diffiċli għall-finanzjament. Il-

proċess tar-riformi ekonomiċi jrid ikompli, b'enfasi speċjali fuq ir-ristrutturar tal-intrapriżi tal-istat u l-utilitajiet pubbliċi.

Is-Serbja hija moderatament preparata fil-kapaċità tagħha biex taffaċċja l-persjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Is-sistema edukattiva għadha ineffiċjenti, l-infrastruttura fiżika mhix żviluppata biżżejjed u s-settur informali u l-għajnuna mill-istat huma sostanzjali. Is-Serbja għandha bżonn ittejjeb il-kwalità tas-sistema edukattiva tagħha, tidderigieha lejn il-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, tistimola l-investiment privat u tħaffef l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-infrastruttura pubblika. Għandha bżonn tirregola aħjar l-imposti parafiskali u tipprovdi qafas trasparenti ta' għajnuna mill-Istat lis-settur privat, billi tidderigieha lejn għanijiet effiċjenti u orizzontali, bħall-għajnuna lil SMEs u r-riċerka u żvilupp.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**kapaċità tagħha li terfa' r-responsabbiltà tal-obbligi tas-sħubija**, is-Serbja trid tkompli tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis tal-UE fl-oqsma kollha. Sabiex jinżamm il-pass attwali tar-riformi, irid ikun hemm riżorsi umani u finanzjarji xierqa, u oqfsa strateġiċi soda. Il-leġiżlazzjoni Serba issa hija fil-biċċa l-kbira konformi f'oqsma bħal fil-proprietà intellettuali, l-anti trust u għaqdiet, u l-politika monetarja. Is-Serbja waqqfet Kumitat Nazzjonali tal-Investiment, li jiġbor flimkien awtoritajiet nazzjonali, donaturi u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFI) biex jikkordinaw il-politika ta' investiment tas-Serbja f'oqsma ewlenin fis-sensjela ta' proġetti uniku (enerġija, trasport, ambjent u infrastruttura marbuta mal-ambjent), li huwa ta' eżempju fir-reġjun. Fl-oqsma tal-akkwist pubbliku, l-istatistika u l-kontroll finanzjarju, is-Serbja hija moderatament preparata. Is-Serbja trid tallinja l-politika barranija u ta' sigurtà tagħha progressivament mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni Ewropea fil-perjodu li jwassal għall-adeżjoni.

Il-flussi mħallta ta' migrazzjoni żdiedu drastikament, u ħolqu piż sostanzjali fuq il-qafas tal-ażil u l-migrazzjoni tas-Serbja. Is-Serbja għamlet sforz sostanzjali biex tiżgura li ċittadini ta' pajjiż terz li jaqsmu l-pajjiż jkollhom fejn jistkennu u jingħataw għajnuna umanitarja, bl-għajnuna tal-UE kif ukoll tal-oħrajn. Fl-istess ħin, is-Serbja għandha tkompli tindirizza ż-żieda fl-applikazzjoni għall-ażil mingħajr raġuni valida minn ċittadini Serbi fil-pajjiżi tal-UE u ta' Schengen, sabiex tipprova r-reġim ħieles mill-viża.

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Rigward il-**kriterji politiċi**, l-isfidi serji rappurtati fis-snin preċedenti ġew issottolinjati mill-agħar kriżi politika li kellu l-pajjiż mill-2001 bl-interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet, li allegatament kienu jinvolvu uffiċjali superjuri tal-gvern, jissuġġerixxu ksur tad-drittijiet fundamentali, interferenza fl-indipendenza ġudizzjarja, fil-libertà tal-midja u l-elezzjonijiet, kif ukoll il-politiċizzazzjoni u l-korruzzjoni. It-tħassib dwar dawn il-kwistjonijiet kollha ġie indikat fir-Rapporti dwar il-Progress preċedenti. Il-falliment tad-dialogu politiku u d-diffikultajiet sabiex jintlaħaq konsensus fuq kwistjonijiet partikolari għal darba oħra enfasizzaw il-kultura politika diviża fil-pajjiż.

Skont ftehim iffaċilitat mill-Kummissarju, bl-għajnuna ta' tliet membri tal-Parlament Ewropew, f'Ġunju / Lulju, il-membri tal-Parlament tal-partit ewleni fl-oppożizzjoni rritornaw fil-Parlament fl-1 ta' Settembru wara li kienu għamlu bojkott għal aktar minn sena. Il-bojkott affettwa serjament il-funzjoni ta' sorveljanza tal-istituzzjoni fuq il-fergħa eżekuttiva. Korpi ewlenin oħra naqqsu milli jwettqu sorveljanza effettiva. Beda x-xogħol fuq l-implimentazzjoni tal-ftehim politiku. L-implimentazzjoni trid tkompli u għad irid isir ħafna

xogħol fuq il-"Prijoritajiet Urġenti tar-Riforma"⁴ sabiex jinkisbu riżultati dwar dan u miri pre-eżistenti oħra mifthiema.

Is-sitwazzjoni interetnika għadha fraġli. Ir-rieżami tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid, li għab fi tmiemu l-kunflitt tal-2001 u jipprovdi l-qafas għar-relazzjonijiet interetniċi, irid jitlesta.

Wara kollaborazzjoni kbira mal-pulizija f'viċinat etniku Albaniż f'Kumanovo li ħalla mejta 18-il persuna, il-mexxejja politiċi kollha fil-pajjiż sejħu għar-restawr ta' kalma u enfasizzaw li dan l-inċident ma għandux jitqies bħala interetniku. L-avvenimenti fil-Kumanovo għad iridu jiġu investigati bis-sħiħ.

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kellhom rwol kostruttiv fil-kuntest tal-kriżi fejn talbu li l-atturi politiċi jieħdu responsabbiltà irrispettivament mill-etniċità. Fl-istess ħin l-organizzazzjonijiet ikompli jesprimu t-tħassib tagħhom dwar l-ambjent diffiċli li fih jaħdmu u l-impenn limitat tal-gvern għad-djalogu, kif ukoll dwar l-attakki pubbliċi mill-politiċi u mill-midja ta' favur il-gvern.

Il-pajjiż huwa moderatament preparat fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Sar xi progress fuq xi kwistjonijiet. Madankollu, it-tħassib dwar il-politiċizzazzjoni ġie enfassizat mill-kontenut tal-interċettazzjonijiet telefoniċi, u r-reklutaġġ ibbażat fuq il-mertu jkompli jiġi mxekkel. Il-fiduċja tal-pubbliku fil-ħidma tal-istituzzjonijiet reġgħet ħadet tisbita. Ittieħdu xi passi sabiex issir riforma fil-ġestjoni tal-fondi pubbliċi, iżda għad iridu jitwaqqfu u jittejjbu l-qafas baġitarju ta' terminu medju u t-trasparenza fiskali.

Is-sistema ġudizzjarja tal-pajjiż hija b'xi mod preparata. Is-sitwazzjoni ilha sejra lura mill-2014 minħabba li l-kisbiet tal-aħħar proċess ta' riforma tad-deċennju ġew imxekkla minn interferenza politika attwali u potenzjali fil-ħidma tal-ġudikatura. Għad iridu jiġu investigati l-indikazzjonijiet ta' għemil ħażin u offiżi ġejjin mill-komunikazzjonijiet interċettati. L-awtoritajiet issa jridu juru rieda politika reali biex jassiguraw l-indipendenza sħiħa tas-sistema ġudizzjarja, kif ukoll iħallu lill-Prosekutur Speċjali l-ġdid jagħmel xogħolu mingħajr xkiel waqt li jinvestiga l-interċettazzjonijiet u l-kontenut tagħhom.

Rigward il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, saru xi preparamenti. Il-kisbiet leġiżlattivi u istituzzjonali kienu, madankollu, mitfija minħabba nuqqas ta' rieda politika u interferenza politika fix-xogħol tal-korpi rilevanti, speċjalment fil-każijiet ta' livell għoli. Għad irid jiġi stabbilit bilanċ pożittiv ta' prosekuzzjonijiet effettivi, speċjalment kontra korruzzjoni kbira.

Fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-pajjiż għamel xi preparamenti. Għad irid jiġi stabbilit jekk hemmx biżżejjed kapaċità u esperjenza sabiex jitwettqu b'mod sistematiku investigazzjonijiet finanzjarji u l-konfiska tal-assi.

Il-qafas legali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huwa, f'sens wiesgħa, konformi mal-istandards Ewropej. Madankollu, ma hemmx implimentazzjoni b'mod partikolari fl-oqsma tar-riforma tal-ħabsijiet, l-integrazzjoni tar-Rom, id-drittijiet tat-tfal u l-persuni b'diżabilità. Il-komunità leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) għadha ssofri minn diskriminazzjoni u kontenut fil-midja omofobiku. Il-pajjiż wera xi preparamenti rigward il-libertà tal-espressjoni. L-eżerċizzju ta' din il-libertà, madankollu, huwa problema serja fil-kultura attwali tal-midja u l-ambjent politiku, u l-pajjiż ikompli jieħu sabta f'dan il-qasam. L-indhul fuq ir-rappurtar tal-midja sabiex jillimita l kwistjonijiet ta' interess pubbliku huma ta' tħassib.

⁴ Il-"Prijoritajiet Urġenti tar-Riforma": http://ec.europa.eu/enlargement/news_corner/news/news-files/20150619_urgent_reform_priorities.pdf. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti Anzjani: http://ec.europa.eu/enlargement/news_corner/news/news-files/20150619_recommendations_of_the_senior_experts_group.pdf

Il-pajjiż b'mod ġenerali għandu relazzjonijiet tajba mal-pajjiżi tat-tkabbir l-oħra, u għandu rwol attiv fil-kooperazzjoni reġjonali. Ittieħdu xi passi biex jitjieb r-relazzjonijiet tajba mal-viċinat. Il-"kwistjoni tal-isem" mal-Greċja trid tiġi solvuta b'urġenza.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha livell ta' preparazzjoni tajjeb fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li taħdem. Il-pajjiż jibbenefika minn ambjent makroekonomiku stabbli, megħjun minn politika monetarja soda, kundizzjonijiet favorevoli għad-dħul fis-suq, u sistema legali soda. Kien hemm rigressjoni fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Il-miri fiskali fit-terminu medju kienu laxki, ix-xejra tan-nefqa pubblika tibqa' favur it-trasferimenti u s-sussidji u, l-iżvilupp ta' dejn pubbliku globali kif ukoll it-trasparenza fl-infiq għadhom ta' tħassib. Il-baġit għandu jkun immirat aktar lejn it-tkabbir u l-impjiegi, filwaqt li għandha tiġi mtejjba l-fassla, t-transparenza u l-implimentazzjoni globali tiegħu. Numru għoli ta' self improduttiv illimita l-provvista tal-kreditu u jrid jiġu indirizzati permezz ta' aktar politika. Il-qgħad, b'rata ta' 28 %, għadu għoli.

L-ekonomija hija moderatament preparata biex taffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Sar xi progress fid-diversifikazzjoni tal-istruttura tal-esportazzjoni bħala riżultat tal-investment dirett; ir-rabtiet kummerċjali u ta' investment mal-UE komplew jissaħħu. Madankollu, il-pajjiż għandu bżonn itejjeb il-kapaċità għall-impjeg tal-poplu tiegħu, speċjalment taż-żagħżagħ, billi jallinja aħjar l-edukazzjoni mal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, jaġġorna l-konnessjoni bejn l-investituri diretti barranin u l-ekonomija domestika, u jagħti prijorità aħjar lill-investment.

Rigward il-kapaċità tiegħu li jerfa' r-**responsabbiltà tal-obbligi tas-sħubija**, il-pajjiż għandu livell tajjeb ta' allinjament mal-acquis. Trid tingħata aktar attenzjoni fuq il-kapaċità amministrattiva u l-implimentazzjoni effettiva. F'bosta oqsma, il-pajjiż huwa moderatament ippreparat, fosthom fl-oqsma tal-akkwist pubbliku, l-istatistika u l-kontroll finanzjarju. Iridu jsiru aktar sforzi b'mod globali, b'mod partikolari f'dawk il-ftit oqsma fejn il-pajjiż għadu fi stadju bikri ta' preparamenti.

Il-flussi mħallta ta' migrazzjoni żdiedu drastikament, u ħolqu piż sostanzjali fuq il-qafas tal-ażil u l-migrazzjoni tal-pajjiż. L-awtoritajiet ħadu miżuri sabiex jipprovdu għall-passaġġ aktar sikur taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq it-territorju tagħhom u pprovdew kenn u provvisti umanitarji, bl-għajjnuna tal-UE kif ukoll ta' oħrajn.

L-Albanija

Rigward il-**kriterji politiċi**, l-elezzjonijiet lokali f'Ġunju 2015 għaddew mingħajr inċidenti kbar. Għad irid jiġi indirizzati it-tħassib dwar l-imparzjalità u l-professjonalità tal-awtoritajiet elettorali u l-politiċizzazzjoni globali tal-proċess elettorali. F'Diċembru 2014, il-parlament adotta riżoluzzjoni li tistabbilixxi l-bażi għall-maġġoranza fil-gvern u l-partit ewlieni fl-oppożizzjoni biex jitħaddtu fi ħdan djalogu politiku kontinwu u kostruttiv. Dan ġab fi tmiemu l-bojkott parlamentari li dam sitt xhur mill-partit ewlieni fl-oppożizzjoni. Madankollu, għad fadal xi jsir sabiex tiġi indirizzata l-kultura politika maqsuma u sabiex ikun hemm djalogu bejn il-partiti aktar kostruttiv.

Rigward ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, l-Albanija hija moderament preparata. Ġew adottati strateġiji komprensivi għar-riforma u l-Kodiċi dwar il-Proċeduri Amministrattivi l-ġdid. Madankollu, jridu jsiru sforzi biex jinkiseb l-oġġettiv ta' amministrazzjoni pubblika professjonali u depolitiċizzata, sabiex tikber il-kapaċità amministrattiva u finanzjarja tal-unitajiet lokali tal-gvern u sabiex ikun hemm implimentazzjoni effettiva tal-liġi dwar is-servizz ċivili fuq livell lokali.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Albanija għadha fi stat bikri ta' tħejjija. Għad fadal nuqqasijiet sostanzjali fis-sistema ġudizzjarja rigward l-indipendenza u r-responsabbiltà tal-imħallfin u l-

prosekuturi, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet, il-kooperazzjoni interistituzzjonali u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja għadha miexxa bil-mod. Twaqqaf kumitat parlamentari *ad hoc* biex imexxi riforma komprensiva u inklussiva tal-ġustizzja. Il-passi kruċjali li jmiss huma l-adozzjoni tal-istrateġija għar-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-pjan ta' azzjoni segwita mill-adozzjoni tal-miżuri istituzzjonali, leġiżlattivi u proċedurali meħtieġa.

L-Albanija għandha ċertu livell ta' thejjiha fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Ġew adottati strateġija ġdida kontra l-korruzzjoni u pjan ta' azzjoni. Madankollu, il-korruzzjoni hija mifruxa mal-pajjiż u jridu jsiru aktar sforzi sabiex isir progress bl-għan li jiġi stabbilit bilanċ pożittiv sod ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni fuq kull livell. L-investigazzjonijiet proattivi, l-evalwazzjonijiet sistematiċi tar-riskju u l-kooperazzjoni interistituzzjonali jridu jiġu mtejjba. L-indipendenza tal-istituzzjonijiet involuti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni trid tiġi mtejba, għaliex huma jibqgħu suxxettibbli għall-pressjoni politika u influwenza indebita oħra.

Il-pajjiż huwa moderatament ippreparat f'dak li jikkonċerna l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. L-Albanija wettqet numru ta' operazzjonijiet ta' infurzar tal-liġi li wasslu għall-qerda ta' kultivazzjonijiet kbar tal-kannabis. Madankollu, in-numru ta' kundanni finali li effettivament wasslu għaż-żarmar tal-organizzazzjonijiet kriminali għadu negliġibbli meta mqabbel mal-valur stmat tas-suq kriminali domestiku u reġjonali. L-investigazzjonijiet finanzjarji, il-miżuri ta' kontra l-ħasil tal-flus u l-konfiska tal-assi mhux qegħdin jiġu wżati biżżejjed. L-Albanija għandha bżonn tistabbli bilanċ pożittiv ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjonijiet u kundanni finali f'każijiet ta' kriminalità organizzata, fosthom il-ħasil tal-flus, u effettivament iżżarma n-netwerks kriminali.

Il-qafas legali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huwa, f'sens wiesgħa, konformi mal-istandards Ewropej. Madankollu, l-implimentazzjoni effettiva ta' leġiżlazzjoni u strateġiji rilevanti huma limitati u l-eżekuzzjoni tal-mekkaniżmi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem mhumiex biżżejjed. Rigward il-libertà ta' espressjoni, l-Albanija hija moderatament preparata. L-ambjent globali ġeneralment iwassal għal-libertà ta' espressjoni, iżda hemm bżonn ta' implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni. L-indipendenza tal-awtorità regolatorja u tax-xandir pubbliku trid tissaħħaħ. L-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà għad trid isseħħ, u l-proċessi għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà, ir-restituzzjoni u l-kumpens għadhom ma tlestewx. Ir-Rom u l-Eġizzjani għadhom iħabbtu wiċċhom ma' kundizzjonijiet ta' għajxien ebsin ħafna, minbarra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni. Fil-qasam kontra d-diskriminazzjoni, il-ġurisprudenza trid tiġi żviluppata aktar. Il-mekkaniżmi istituzzjonali biex jiproteġu d-drittijiet tat-tfal għadhom fqar. Is-sistema ġudizzjarja tal-minorenni mhix konformi ma' standards internazzjonali.

L-Albanija kompliet tipparteċipa b'mod attiv fil-kooperazzjoni reġjonali u żżomm relazzjonijiet tajba mal-viċinat skont l-impenji li ħadet bil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, l-Albanija hija moderatament preparata biex tiżviluppa ekonomija tas-suq li taħdem. Sar xi progress fit-titjib tal-istabbiltà makroekonomika u l-prospetti tat-tkabbir tjebru. L-inflazzjoni għadha baxxa. Madankollu, għad fadal sfidi sinifikanti. Huma meħtieġa aktar riformi biex jiġi sostnut il-konsolidament fiskali, jitjeb l-ambjent tan-negozju u tiġi indirizzata l-ekonomija informali. L-Albanija trid ittejjeb ukoll il-qafas ta' ġestjoni tal-baġit u tindirizza l-livell għoli ta' self improduttiv. Il-livelli ta' qgħad (17,5 %) u l-impjieg informali għadhom għolja.

Rigward kemm hi kapaċi tkampa mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq tal-Unjoni, l-Albanija għandha xi tip ta' preparamenti. Sar progress fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-trasport u l-infrastruttura tal-enerġija. Madankollu jinħtieġ investiment sinifikanti fil-kapital fiżiku u dak uman biex titjeb il-kompetittività tal-Albanija. L-Albanija trid ittejjeb il-kwalità tal-

edukazzjoni ogħla tagħha u tkompli għaddejja bir-ristrutturar tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, tadotta u timplimenta l-istrateġiji nazzjonali għat-trasport u l-enerġija u t-baxxi l-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ bħal pereżempju n-nuqqasijiet fis-sigurtà tal-ikel.

L-Albanija kompliet tallinja l-leġiżlazzjoni tagħhom mar-rekwiżiti tal-UE f'numru ta' oqsma, sabiex ittejjeb il-**kapaċità tagħha li terfa' r-responsabbiltà tal-obbligi tas-sħubija**. F'ħafna oqsma, il-pajjiż huwa moderatament ippreparat, bħal fil-kontroll finanzjarju, jew għandu xi affarijiet lesti, fosthom fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-istatistika. Madankollu, l-Albanija se jkollha b'zonn tagħmel sforzi sostanzjali biex taġġorna l-preparamenti tagħha għall-implimentazzjoni tal-acquis. Għandha tkompli taħdem fuq l-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport u tal-enerġija. Il-kapaċità amministrattiva u l-istandards professjonali tal-korpi inkarigati bl-implimentazzjoni tal-acquis jridu jiġu msaħħa u l-indipendenza tal-korpi regolatorji salvagwardjata. Jibqgħu essenzjali t-titjib fit-trasparenza u r-responsabbiltà, b'mod partikolari l-iżgurar tat-tħaddim effettiv, effiċjenti u trasparenti tas-sistema tal-akkwist pubbliku u tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

L-awtoritajiet Albaniżi huma mistennija jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw numru dejjem jikber ta' applikazzjonijiet għall-ażil manifestament infondati, li jiġu ppreżentati miċ-ċittadini tagħhom lill-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati maż-żona Schengen. L-attivitajiet kollha sabiex jiġi indirizzat dan il-fenomeno se jiġu msaħħa permezz tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-viża, partikolarment wara ż-żieda riċenti matul is-sajf.

Il-Bożnija-Herzegovina

Rigward il-**kriterji politiċi**, l-elezzjonijiet ġenerali f'Ottubru 2014 ġew amministrati b'mod effiċjenti u saru b'ordni u f'ambjent kompettitiv. L-Assemblea Parlamentari tal-Bożnija-Herzegovina bdiet taħdem u tagħti riżultati fuq l-aġenda leġiżlattiva. L-Aġenda ta' Riforma adottata, li tistabbilixxi r-riformi soċjo-ekonomiċi ewlenin li jridu jsiru, kienet segwita minn progress inizjali fl-implimentazzjoni tagħha. Il-kooperazzjoni bejn il-parlamenti fuq livell Statali, fuq livell ta' entità u tad-Distrett ta' Brčko għad trid titjieb. Irid ikun hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni eqreb bejn il-livelli kollha tal-gvern, sabiex jindirizzaw l-isfidi soċjo-ekonomiċi ewlenin.

Il-Kostituzzjoni tal-pajjiż stabbiliet arkitettura istituzzjonali kumplessa li għadha ineffiċjenti u hija soġġetta għal interpretazzjonijiet differenti. Il-Kostituzzjoni għadha tikser il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif intqal fis-sentenza *Sejdić-Finci* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u trid tiġi emendata.

Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika fil-pajjiż għadha fi stat bikri, b'livell għoli ta' politiċizzazzjoni u twassil fqir tas-servizzi. Hemm b'zonn jitwaqqaf qafas strateġiku ġdid li jiżgura gwida politika xierqa fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika fil-pajjiż.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Bożnija-Herzegovina laħqet livell moderat ta' preparazzjoni. Ġiet adottata Strateġija għar-Riforma tas-Settur Ġudizzjarju li trid tiġi implimentata. F'Settembru, matul laqgħa ministerjali fil-qafas tad-Djalogu Strutturat, l-awtoritajiet reġgħu tennew l-impenn tagħhom favur l-iżvilupp ta' fatturi ewlenin konġunti tar-riforma tal-ġudikatura.

Il-Bożnija-Herzegovina għandha ċertu livell ta' tnejn fil-għieda kontra l-korruzzjoni. Ġew adottati pjan ta' azzjoni u strateġija ġdida kontra l-korruzzjoni li jkopru s-snin 2015-2019. Kien hemm żieda sostanzjali fil-konfiska tal-assi. Il-korruzzjoni għadha mifruxa u l-impenn politiku dwar din il-kwistjoni għadu ma wassalx għal riżultati konkreti. Il-qafas istituzzjonali u legali għadu dgħajjef u inadegwat. In-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-liġi jaffettwa b'mod negattiv liċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet. Il-pieni fis-seħħ ma jikkostitwuwx deterrent suffiċjenti kontra l-korruzzjoni.

Fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-pajjiż għamel xi preparamenti. Filwaqt li saru b'suċċess numru ta' operazzjonijiet konġunti fuq skala kbira s-sena li għaddiet, fejn f'xi operazzjonijiet minnhom ġew inklużi l-pajjiżi tal-viċinat, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet kollha tal-pajjiż trid tiġi mtejba b'mod sinifikanti. In-numru ta' kundanni finali għadu baxx. L-investigazzjonijiet finanzjarji ma jiġux użati biżżejjed. In-nuqqas ta' koordinazzjoni strateġika qiegħed ifixkel lill-pulizija milli tippovdi s-servizzi tagħha.

Il-Bożnija-Herzegovina qiegħda taffaċċja ħafna sfidi marbuta mad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoritajiet. Il-qafas istituzzjonali u legali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem għandu bżonn titjib sostanzjali u l-leġiżlazzjoni adottata trid tkun implimentata effettivament, l-aktar fl-aspetti ta' non diskriminazzjoni. Il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni marru għall-aġġar matul il-perjodu ta' rapportar. Għalkemm hemm xi tip ta' preparamenti f'dan il-qasam b'dispożizzjonijiet legali ġeneralment fis-seħħ, l-ambjent istituzzjonali u politiku mhux iwassal għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal-libertà ta' espressjoni sħiħa. Il-komunità leżbjana, gay, bisesswali, transgender u intersesswali għadha suġġetta għal attackki u theddid. Ittieħdu xi passi dwar ir-reġistrazzjoni u l-akkomodazzjoni tal-minoranza Rom, iżda ttieħdet azzjoni minima fuq is-saħħa, l-edukazzjoni u l-impjigi.

Il-pajjiż ikompli jiehū sehem b'mod attiv fl-inizjattivi reġjonali u għamel progress biex ikollu relazzjonijiet tajba mal-viċinat, fosthom l-iffirmar ta' ftehim dwar il-fruntieri mal-Montenegro f'Awwissu. F'Mejju, il-Bożnija-Herzegovina ħadet fidejha l-presidenza tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, il-Bożnija-Herzegovina għadha fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li taħdem. Sar xi progress fit-titjib tal-ambjent tan-negozju, partikolarment fl-iffaċilitar tad-dħul fis-suq u l-għoti ta' permessi tal-bini. Minkejja l-pass lura minħabba l-għarar tal-2014, it-tkabbir ekonomiku baqa' reżiljenti. Madankollu, il-kundizzjonijiet diffiċli tas-suq tax-xogħol ma nbiddlux, b'rata ta' qgħad ta' 27.6% li telgħet għal 62.7% fost iż-żagħżagħ. Sabiex jindirizza l-livell ogħli ta' qgħad u r-rati baxxi ta' parteċipazzjoni, l-pajjiż irid inaqqas in-natura mhux flessibbli tas-suq tax-xogħol, fosthom tnaqqis fil-porzjon tat-taxxa. Il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi marru għall-aġġar. L-ambjent tan-negozju baqa' fraġli, u xekkel irkupru aktar b'saħħtu tal-ekonomija. Il-gvern irid itejjeb il-kwalità tal-governanza tas-settur pubbliku, b'mod partikolari billi jkabbar l-ispazju fiskali għall-investiment fil-kapital li jtejjeb it-tkabbir. Barra minn hekk, jridu jittieħdu passi konkreti sabiex jitjeb il-qafas għall-ġestjoni tal-baġit, sabiex tavvanzja l-privatizzazzjoni u l-ambjent tan-negozju.

Il-Bożnija-Herzegovina għadha fi stadju bikri biex tkun kapaċità taffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Kien hemm progress fil-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-enerġija. Madankollu, sabiex isaħħu l-kompettitività tal-pajjiż, l-awtoritajiet iridu jagħtu attenzjoni partikolari lill-iżvilupp ta' approċċ strateġiku biex jiġu ndirizzati n-nuqqasijiet fis-sistema ta' taħriġ u edukattiva tagħha; jissimplifikaw il-proċedura kumplessa għall-esportazzjonijiet u jiżviluppaw strateġija għat-trasport u għall-enerġija.

Il-Bożnija-Herzegovina qiegħda fi stadju bikri ta' tħejjija rigward l-approssimazzjoni tagħha mal-**istandards Ewropej**. Hemm livell ta' preparazzjoni rigward l-akkwist pubbliku u suq intern. Il-pajjiż għadu fi stadju bikri fil-qasam tat-trasport, iżda l-adozzjoni tal-Politika dwar it-Trasport f'Lulju kien pass pożittiv 'il quddiem fit-triq lejn it-tgawdija ta' benefiċċji mill-aġenda ta' konnettività. Madankollu, jridu jsiru sforzi sinifikanti f'bosta mill-oqsma politiċi sabiex il-pajjiż ikun aktar allinjat mal-acquis tal-UE. Dan jinkludi kontroll finanzjarju kif ukoll statistika dwar fejn jinsab il-pajjiż f'dan l-istadju bikri u l-passi ewlenin li jridu jittieħdu biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet pendenti. F'dan ir-rigward, għad irid isir l-ipproċessar tad-dejta taċ-ċensiment tal-2013 u l-pubblikazzjoni tar-riżultat. Iridu jsiru wkoll aktar sforzi b'mod partikolari rigward il-kwistjonijiet ta' ġustizzja, libertà u sigurtà, il-qasam tal-

kompetizzjoni, l-industrija u l-SMEs, l-agrikoltura, il-politiki dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima, l-enerġija u s-soċjetà tal-informazzjoni u l-midja.

Il-Kosovo

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**kriterji politiċi**, il-waqfa fl-affarijiet politiċi li damet sitt xhur wara l-elezzjonijiet f'Ġunju 2014 żammet lura milli jsiru r-riformi ewlenin. Hija ntemmet f'Diċembru, meta' l-Partit Demokratiku tal-Kosovo (PDK) iffirma koalizzjoni mal-Lega Demokratika tal-Kosovo (LDK) u ma' partiti fil-minoranza oħra. F'Awwissu, l-Assemblea tal-Kosovo ivvutat favur emendi kostituzzjonali sabiex jitwaqqfu l-Kmamar Speċjalizzati u Uffiċċju Speċjalizzat tal-Prosekuzzjoni, li għandhom imexxu l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali serji transfruntiera u internazzjonali mwettqa matul u wara l-kunflitt fil-Kosovo. Il-gvern laħaq ukoll ftehimiet ewlenin ma' Belgrad f'Awwissu. Iż-żewġ deċizzjonijiet htegu impenn politiku serju mil-gvern.

Kien hemm żieda fid-diverġenzi bejn il-gvern u l-oppożizzjoni. Membri tal-oppożizzjoni kienu nvoluti f'inċidenti vjolenti kontra l-gvern, fejn ikkritikawh għad-deċizzjoni riċenti li ħa dwar il-Kmamar Speċjalizzati, id-djalogu ta' ftehim ma' Belgrad, u l-ftehim ta' demarkazzjoni tal-fruntieri mal-Montenegro.

Ħafna istituzzjonijiet indipendenti u awtoritajiet regolatorji bħalissa mhux jaħdmu jew qegħdin negattivament affetwati mid-dewmien fil-ħatra tal-membri tal-bord. Kemm il-gvern u l-Assemblea jridu jagħżlu b'urġenza l-membri tal-bord għal dawn l-istituzzjonijiet u jiddeċiedu dwar mekkaniżmi għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà tagħhom. Il-ħatriet iridu jsiru abbażi tal-kwalifiki professjonali u l-mertu, mhux minħabba patroċinju politiku. L-elezzjoni riċenti għall-Ombudsman kienet żvilupp pożittiv f'dan ir-rigward.

Il-gvern kompli jiffoka fuq ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, li laħqet ċertu livell ta' tħejjija. Kien hemm avvanz 'il quddiem fil-qafas legali u strateġiku. Il-politiċizzazzjoni kontinwa tal-amministrazzjoni pubblika, madankollu, għadha ta' tħassib kbir. Ir-responsabbiltà trid titjib fl-amministrazzjoni kollha permezz ta' sorveljanza xierqa. Kull trikkib fir-responsabbiltajiet tal-aġenzji tal-gvern għandu jiġi evitat. Is-sorveljanza parlamentari tal-implimentazzjoni tal-baġit għandha ssir aktar affidabbli u trasparenti. Għandu jkun hemm kontroll finanzjarju sod fl-istituzzjonijiet pubbliċi kollha.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Kosovo għadha fi stat bikri ta' tħejjija. Ġie adottat pakkett ta' emendi fl-erba' liġijiet prinċipali, biex b'hekk sar pass 'il quddiem fil-modernizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja. Madankollu, il-ġudikatura għadha suxxettibbli għall-interferenza politika. Jridu jsiru aktar sforzi biex tiġi garantita l-indipendenza fil-liġi u fil-prattika, sabiex tiġi evitata u miġġielda l-korruzzjoni fi ħdan il-ġudikatura, sabiex jiġi reklutat u mħarreġ aktar personal ikkwalfikat u biex jiġu allokatu riżorsi adegwati.

Il-Kosovo għadu fi stadju bikri ta' tħejjija rigward il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Jenħtieġ approċċ komprensiv u strateġiku sabiex ikun hemm riżultati reali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni endemika fil-Kosovo. Għad irid ikun hemm bilanċ pożittiv ta' prosekuzzjonijiet u kundanni li jsiru b'suċċess. L-investigazzjonijiet rari fil-korruzzjoni fil-livelli għolja s'issa għandhom ma wasslux għal kundanni finali.

Il-Kosovo għadu fi stadju bikri ta' tħejjija rigward il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Kien hemm progress fil-kooperazzjoni interistituzzjonali u l-iskambju ta' informazzjoni fost l-aġenzja tal-infurzar tal-liġi fl-investigazzjonijiet. Madankollu, n-numru ta' prosekuzzjonijiet u kundanni finali għadu baxx. Il-konfiska tal-assi rari ssir. L-attenzjoni partikolari fuq strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni ma għandhiex tgħatti l-bżonn li jkun hemm riżultati konkreti fil-ġlieda endemika kontra l-kriminalità organizzata fil-Kosovo. Il-Kosovo kattar l-isforzi tiegħu biex jiġġieled it-terroriżmu, iżda għadu jaffaċċja sfidi marbuta mar-radikalizzmu.

L-adozzjoni tal-pakkett dwar id-drittijiet tal-bniedem saħħet il-qafas istituzzjonali u kkjarifikat ir-rwoli tad-diversi istituzzjonijiet. Madankollu tinħtieġ aktar attenzjoni politika sabiex tiggarrantixxi implimentazzjoni xieraq u biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' riżorsi. Fil-qasam tal-libertà ta' espressjoni, il-Kosovo għamel xi preparamenti. Il-qafas istituzzjonali u leġislativ għadu mferrex u parzjalment ineffettiv. Ix-xandir pubbliku huwa vulnerabbli għall-pressjoni politika u jonqsu finanzjament sostenibbli. Il-vjolenza kontra n-nisa u l-aċċess limitat tan-nisa għas-sjeda tal-proprjetà ma jħalluhomx jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bis-siġh. Il-protezzjoni ta' persuni b'diżabilità u persuni appartenenti għal minoranza, b'mod partikolari r-Rom u l-komunitajiet Ashkali u Eġizzjani trid tkun aktar b'saħħitha.

Rigward in-**normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mas-Serbja**, il-Kosovo baqa' impenjat li jimplementa "L-ewwel ftehim tal-prinċipji li jirregolaw in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet" ta' April 2013 u ftehimiet oħra milħuqa permezz tad-djalogu ffaċilitat mill-UE. F'Awwissu ġew iffinalizzati ftehimiet ewlenin fuq l-enerġija, it-telekomunikazzjoni, it-twaqqif tal-Assoċjazzjoni/Komunità ta' municiplalitajiet b'maġġoranza Serba kif ukoll dwar il-Pont ta' Mitrovicë/Mitrovica. Id-djalogu kiseb aktar riżultati konkreti fl-oqsma tal-ġustizzja, l-integrazzjoni tal-protezzjoni ċivili, l-assigurazzjoni tal-vetturi, il-ġbir tad-dwana u l-ġestjoni integrata tal-fruntieri. Saru wkoll diskussjonijiet kostruttivi biex titejjeb il-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-flussi migratorji mill-Kosovo. Il-passi li ttieħdu taw spinta ġdida lin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet u se jkollhom impatt pożittiv u konkret fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini kemm fil-Kosovo u fis-Serbja.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kosovo huwa moderatament preparat biex jiżviluppa ekonomija tas-suq li taħdem. Id-defiċit kummerċjali persistenti jirrifletti bażi produttiva dgħajfa u nuqqas ta' kompetittività internazzjonali. Id-dipendenza fuq ir-rimessi u l-ekonomija informali li hija mifruxa ħafna jnaqqsu l-inċentiv għall-impjiegi li jikkontribwixxi għal parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol diġà baxxa u rata għolja ta' qgħad, li bħalissa hija ta' 35,3 %, li titla' għal 61 % fost iż-żagħżagħ. Amministrazzjoni pubblika ineffiċjenti u approċċ *ad hoc* għall-politika fiskali jikkostitwixxu riskji fiskali serji. Il-Kosovo jrid isaħħaħ il-qafas fiskali fuq terminu medju, itejjeb it-trasparenza fil-finanzi pubbliċi u jmexxi n-nefqa baġitarja lejn it-*tkabbir*. Huwa għandu jħaffef ukoll il-proċess ta' privatizzazzjoni u ristrutturar tal-intrapriżi tal-Istat u jtejjeb il-proċedura għall-falliment u l-insolvenza, minbarra li jnaqqas id-dipendenza fuq id-dazji doganali billi jwessa' il-bażi tat-taxxa domestika u jimmodernizza l-ġbir tat-taxxi.

Il-Kosovo huwa moderatament kapaċi jaffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Għad hemm bżonn ta' riformi ewlenin biex ikun hemm provvista tal-enerġija stabbli u tnaqqis tat-telf fid-distribuzzjoni, biex jingħalaq id-distakk fil-ħiliet fis-suq tax-xogħol, u sabiex l-investment dirett barrani u r-rimessi jmorru lejn setturi produttivi.

Il-Kosovo għadu fil-bidu tal-allinjament mal-**istandards Ewropej**, fosthom fl-oqsma tal-akkwist pubbliku, l-istatistika u l-kontroll finanzjarju. L-allinjament leġislativ fxi oqsma huwa għoli iżda l-implimentazzjoni hija dgħajfa. Kien hemm progress fil-qasam tal-akkwist pubbliku, speċjalment rigward l-implimentazzjoni ta' sistema ċentralizzata għall-akkwist pubbliku, iżda għad hemm tħassib dwar il-korruzzjoni. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll finanzjarju, kien hemm progress, speċjalment fl-awditjar estern. Madankollu, għad iridu jsiru sforzi sinifikanti sabiex jiġi implimentat kontroll finanzjarju pubbliku intern fl-amministrazzjoni kollha u fl-intrapriżi tal-istat.

It-Turkija

Fir-rigward tal-**kriterji politiċi**, il-pass tar-riformi naqqas ħafna, anki minħabba li l-elezzjonijiet damu jġebbd. Il-gvern preċedenti għamel sforz biex jagħti spinta ġdida lill-proċess ta' adeżjoni mal-UE. Madankollu, dan l-impenn ripetut ġie paċut mill-adozzjoni ta'

leġislażżjoni ewlenija fil-qasam tal-istat tad-dritt, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-assemblaġġ li kienu kontra l-istandards Ewropej. Ix-xena politika għadha maqsuma.

L-elezzjoni ġenerali tas-7 ta' Ġunju rat numru rekord ta' nies li ħarġu jivvutaw, sinjal ċar tas-saħħa tad-demokrazija Torca mal-partiti politiċi ewlenin li ġew irrapreżentati fil-parlament il-ġdid. Madankollu, ma setgħax jiġi fformat gvern qabel l-iskadenza kostituzzjonali u reġġu saru l-elezzjonijiet fl-1 ta' Novembru. Fost in-nuqqasijiet fil-qafas legali li jirregola l-elezzjonijiet, il-livell limitu ta' 10 % tal-voti għall-partiti biex jitlej fil-parlament jrid jiġi indirizzat bħala prijorità.

Fil-perjodu ta' rapportar is-sitwazzjoni ta' sigurtà fit-Turkija marret dejjem aktar għall-aġar. L-awtoritajiet nedew kampanja militari u ta' sigurtà estensiva kontra t-terroriżmu kontra l-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK) li għadu fil-lista ta' organizzazzjonijiet terroristiċi tal-UE, kemm fit-Turkija u fl-Iraq. Il-proċess ta' ftehim dwar il-kwistjoni Kurda waqqfet f'daqqa minkejja l-iżviluppi pożittivi aktar kmieni fuq il-kwistjoni.

It-Turkija sfat vittima tal-aġar attakk terroristiku fl-istorja tagħha, meta fl-10 ta' Ottubru f'Ankara, mietu għexieren ta' dimostranti li kienu nġabru għal dimostrazzjoni paċifika ifffinanzjata mit-trejdjunjins u l-fergħat żaġżuġha tal-partiti politiċi. Iridu jsiru investigazzjonijiet malajr u trasparenti f'dawn l-atti rivoltanti li saru biex jiddestabilizzaw u jikkaġunaw ħsara lid-demokrazija tat-Turkija.

It-Turkija hija moderatament preparata fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Hija għandha servizz pubbliku b'saħħtu u hija impenjata biex ikollha amministrazzjoni orjentata lejn l-utent. Madankollu, l-ispinta għal riforma aktar komprensiva hija dgħajfa. It-tkeċċijiet u d-dimozzjonijiet riċenti fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-"istruttura parallela" kienu sors ta' tħassib.

Is-soċjetà ċivili baqgħet attiva, kibret fin-numru u għadha involuta f'ħafna oqsma ta' ħajja pubblika, iżda r-restrizzjonijiet fuq il-libertà għall-assemblaġġ għadhom ta' tħassib serju.

Is-sistema ġudizzjarja tat-Turkija għandha livell ta' tħejjija. L-indipendenza tal-ġudikatura u l-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri ġiet imxekkla u l-imħallfin u l-prosekuturi kienu taħt pressjoni politika qawwija. Il-kampanja tal-gvern kontra l-allegata "struttura parallela" fi ħdan l-istat saret attivament, u kultant interferiet fl-indipendenza tal-ġudikatura. Iridu jsiru sforzi sostanzjali biex l-indipendenza tiġi għal li kienet u garantita.

F'dak li għandu x'jaqşam mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-Turkija ħejjiet xi preparamenti sabiex tevita u tiġġieled b'mod effettiv il-korruzzjoni. Il-bilanċ pożittiv tat-Turkija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni għadu inadegwat. Il-korruzzjoni għadha mifruxa ħafna. L-inflwenza indebita tal-eżekuttiv fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' korruzzjoni fl-livelli għolja għadha ta' tħassib kbir.

It-Turkija hija moderatament preparata f'dak li jikkonċerna l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. L-investigazzjonijiet finanzjarji għadhom mhux jintużaw biżżejjed. L-iffriżar kawtelatorju tal-assi rari jsir u l-ammont ta' assi konfiskati huwa baxx. In-nuqqas ta' leġislażżjoni fuq il-protezzjoni ta' data personali hija ta' impediment għal kooperazzjoni usa' mal-aġenziji tal-UE u mal-Istati Membri.

Il-Kostituzzjoni tat-Turkija tiggarrantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. L-implimentazzjoni tagħha tjejbet mhux ħażin matul dawn l-aħħar snin. Madankollu għad hemm in-nuqqasijiet. L-eżekuzzjoni tad-drittijiet mogħtija mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) mhix kompletament garantita. Trid tiġi adottata b'urġenza l-liġi qafas komprensiva dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni skont l-istandards Ewropej. It-Turkija trid tiggarrantixxi wkoll b'mod effettiv id-drittijiet tan-nisa, tfal, u l-

individwi tal-komunità lezljani, gay, bisesswali, transgenderu u interesswali (LGBTI) u tagħti attenzjoni suffiċjenti lill-inklużjoni soċjali tal-gruppi vulnerabbli għar-Rom.

Kien hemm rigressjoni sinifikanti fl-oqsma tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-assemblaġġ. Il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà interna tmur kontra l-miżuri mħejjija fil-pjan ta' azzjoni ta' Marzu 2014 dwar il-prevenzjoni tal-vjolazzjonijiet tal-KEDB minħabba l-għoti ta' setgħat diskrezzjonali wiesgħa lill-aġenzija tal-infurzar tal-liġi mingħajr sorveljanza adegwata. Wara numru ta' snin ta' progress fuq il-libertà tal-espressjoni, kien hemm rigressjoni dawn l-aħħar sentejn, b'ammont ta' preparazzjoni f'dan il-qasam. Filwaqt li wieħed seta' jiddiskuti xi kwistjonijiet sensitivi u kontroversjali f'ambjent ħieles, il-każijiet kriminali l-ġodda u dawk li għadhom għaddejjin kontra ġurnalisti, kittieb jew utenti tal-midja soċjali huma ta' tħassib konsiderevoli. It-tibdil fil-liġi dwar l-internet, li huwa rigressjoni sinifikanti mill-istandards Ewropej, kattru s-setgħat tal-Gvern biex jimblokka kontrnut mingħajr ordni tal-qorti minħabba numru mhux debitur ta' raġunijiet.

It-Turkija hija favur li jerġgħu jsiru taħditiet fuq il-ftehim ma' Ċipru f'Mejju u esprimiet l-appoġġ tagħha għall-isforzi tal-Konsulent Speċjali tal-Segretarju Ġenerali tan-NU. L-impenn u l-kontribut tat-Turkija f'termini konkreti lejn ftehim komprensiv huwa kruċjali. Madankollu, it-Turkija għadha ma ssodisfatx l-obbligu tagħha li tiggarrantixxi implimentazzjoni mhux diskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u ma neħħietx l-ostakoli kollha għall-moviment liberu tal-merkanzija, fosthom ir-restrizzjonijiet fuq il-konnessjonijiet diretti għat-trasport ma' Ċipru. Ma kienx hemm progress fuq in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mar-Repubblika ta' Ċipru. Il-konklużjonijiet fuq it-Turkija li ġew adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fil-11 ta' Diċembru 2006 u approvat mill-Kunsill Ewropew fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 għadhom fis-seħħ. Huma jistipulaw li n-negozjati mhux se jinfetħu fuq tmien kapitoli⁵ marbuta mar-restrizzjonijiet tat-Turkija rigward ir-Repubblika ta' Ċipru u l-ebda kapitolu mhu se jkun magħluq b'mod provviżorju sakemm il-Kummissjoni tikkonferma li t-Turkija implimentat bi sħiħ il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

It-Turkija trid timpenja ruħha fir-relazzjonijiet tajba mal-viċinat u għas-soluzzjoni paċifika ta' tilwim skont il-Karta tal-Nazzjonijiet Unit, b'rikor, fejn ikun meħtieġ, lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. F'dan il-kuntest, l-UE esprimiet għal darba oħra tħassib serju u ħeġġet lil-Turkija biex tevita kull tip ta' theddid jew azzjoni diretta lejn Stat Membru, jew sors ta' tilwim jew azzjonijiet li jistgħu jikkaġunaw ħsara lir-relazzjonijiet tajba mal-viċinat u s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, l-ekonomija Torka hija avvanzata ħafna u tista' tiġi meqjusa bħala ekonomija tas-suq. It-tkabbir ekonomiku kien moderat. It-Turkija għadha taffaċċja żbilanċi esterni u interni, li jsejgħu għal aġġustament fil-politiki monetarji u fiskali kif ukoll aċċellerazzjoni tar-riformi strutturali komprensivi. Id-defiċit fil-kont kurrenti kbir ikompli jikkontribwixxi għall-vulnerabilità tal-ekonomija għaċ-ċaqliq fil-kundizzjonijiet monetarji globali u s-sentiment ta' riskju. Mil-lat intern, l-inflazzjoni tkompli għaddejja b'rata pjuttost għolja, li hija problema għall-istabilità macro-ekonomika, l-allokkazzjoni tar-riżorsi u l-effetti re-distributtivi. Għal darb'oħra qabżet il-mira uffiċjali: madankollu l-bank ċentrali qata' r-rati ta' interess. Id-dejn pubbliku kiseb livell sostenibbli, iżda l-bilanċ strutturali ġenerali tal-gvern ġie mnaqqas b'mod sinifikanti. Il-qgħad żdid f'tit għal medja annwali ta' 9,9 %. Kien hemm progress fir-riformi strutturali bħal titjib fir-rati tal-attendenza l-iskola u aktar liberalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija. Dawn ir-riformi jridu jaċċelleraw biex itejbu l-funzjonament tas-swieq għall-merkanzija, is-servizzi u x-xogħol.

⁵ Il-moviment liberu tal-merkanzija, id-dritt ta' stabiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, is-servizzi finanzjarji, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sajd, il-politika tat-trasport, l-unjoni doganali u r-relazzjonijiet esterni.

It-Turkija hija kapaċi taffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE. Il-kwalità tal-edukazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni pero' għandhom bżonn attenzjoni partikolari. Iridu jsiru sforzi sabiex tiġi garantita t-trasparenza tal-ghajjuna mill-Istat u biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet u l-eċċezzjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

Rigward il-**kapaċità li terfa' r-responsabbiltà tal-obbligi tas-sħubija**, it-Turkija qiegħda tkompli tallinja ruħha mal-*acquis*, għalkemm aktar bil-mod, u kisbet livell ta' preparazzjoni tajjeb f'ħafna oqsma. It-Turkija hija avvanzata fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, is-servizzi finanzjarji, in-netwerks Trans-Ewropej, ix-xjenza u r-riċerka. Il-pajjiż kiseb livell tajjeb ta' preparazzjoni wkoll fl-oqsma tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-liġi dwar il-proprjetà intellettuali, il-politika industrijali u tal-intrapriżi, l-unjoni doganali u r-relazzjonijiet esterni. It-Turkija tinsab mobilizzata biex tindirizza l-isfidi straordinarji tal-migrazzjoni u tal-ażil. It-Turkija kisbet livell ta' preparazzjoni tajjeb fil-qasam tal-kontroll finanzjarju. Madankollu jridu jsiru aktar sforzi sinifikanti biex jiġi implimentat kontroll finanzjarju pubbliku intern fuq kull livell. It-Turkija ma tantx hija ppreparata fil-qasam tal-akkwist pubbliku għaliex għad fadal lakunae importanti fl-allinjament tagħha. It-Turkija hija moderatament preparata fil-qasam tal-istatistika fejn iridu jsiru aktar sforzi b'mod globali. Fl-oqsma kollha, trid tingħata aktar attenzjoni lill-eżekuzzjoni tal-leġiżlazzjoni filwaqt li ħafna oqsma oħra jrid isir aktar progress sabiex jinkiseb l-allinjament leġiżlattiv mal-*acquis* tal-UE.

Fis-sena li għaddiet, l-avvenimenti fis-Sirja u fl-Iraq fissru li t-Turkija kellha taffaċċja numru dejjem jiżdied ta' **refuġjati u persuni spustati**. It-Turkija attwalment qiegħda tospita l-akbar popolazzjoni ta' refuġjati fid-dinja, li minnhom qrib iż-2 miljun huma Sirjani. Il-ġestjoni ta' dan l-influss daqshekk kbir ta' refuġjati u persuni spustati hija sfida kbira għat-Turkija, li diġà nefqet aktar minn EUR 6,7 biljun għal dan il-għan.

ANNEX 2 - TIBDIL FIR-RAPPORTI ANNWALI TAL-PAJJIŻI

I IT-TIBDILJET EWLENIN

Il-Kummissjoni għamlet numru ta' tibdiliet fir-rapport annwali tal-pajjiżi ta' din is-sena meta mqabbla mas-snin preċedenti. L-għan huwa li jkun hemm titjib fil-kwalità tal-evalwazzjonijiet tar-rapporti kif ukoll l-kredibbiltà tal-pakkett bħala sors ta' informazzjoni għall-partijiet konċernati kollha. Il-mod il-ġdid ta' rapportar jipprovdi aktar trasparenza fil-proċess tat-tkabbir. Dan għandu jiffaċilita skrutinju akbar tar-riformi mill-partijiet konċernati kollha. Il-pakkett għandu jintuża wkoll biex wieħed iqis aħjar ir-riżultati tal-politika tagħna u tal-assistenza finanzjarja, fosthom il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-IPA II. Ir-rapporti, għalhekk:

- jagħtu aktar attenzjoni lis-sitwazzjoni attwali sabiex juru b'mod aktar ċar fejn jinsab il-pajjiż rigward l-istat ta' tħejjija tiegħu biex jissodisfa l-kriterji tas-sħubija. B'hekk il-qarrej ikun jista' jqiegħed il-progress li jkun qiegħed isir f'kuntest aktar ċar;
- jagħtu parir lill-pajjiżi dwar xiex għandhom jiffukaw għas-sena ta' wara. B'hekk ir-rapportar tal-progress li jmiss ikun aktar rilevanti u mmirat fuq il-kwistjonijiet ewlenin u fuq l-istennija ta' kull pajjiż;
- jinkludu rapportar u skali ta' evalwazzjoni aktar armonizzati, ħalli l-pajjiżi jkunu jistgħu jiġu mqabbla b'mod dirett f'oqsma ewlenin. Aħna qegħdin nistennew li l-kumparabbiltà diretta tista' tkun ta' inċentiv għal riformi aktar intensi.

L-attenzjoni fuq il-kwistjonijiet fundamentali

It-tibdil fir-rapporti annwali jikkunsidraw ukoll il-bżonn għas-sekwenzjar xieraq tar-riformi. Il-preżentazzjoni l-ġdida qiegħda tiġi applikata fl-2015 bħala approċċ pilota li jiffoka fuq il-prijoritajiet u dgħujfijiet attwali politiċi fil-pajjiżi tat-tkabbir. Għalhekk, il-preżentazzjoni l-ġdida hija applikata fl-oqsma li ġejjin:

- L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali (il-funzjonament tal-ġudikatura, il-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata, il-libertà ta' espressjoni)
- Il-kriterji ekonomiċi
- Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika
- Tliet kapitoli marbuta mill-qrib mal-kwistjonijiet msemmija hawn fuq (l-akkwist pubbliku, l-istatistika, il-kontroll finanzjarju)

Dawn il-kwistjonijiet "fundamentali" huma wkoll l-oqsma ewlenin fejn ix-xogħol miexi ġmielu sabiex ir-riformi jingħataw punt ta' riferiment. Dan huwa partikolarment il-każ rigward kif jiġi trattat l-istat tad-dritt fin-negozjati tal-adeżjoni, u l-implimentazzjoni tal-approċċ il-ġdid għall-Kapitoli 23 dwar il-Ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-Kapitolu 24 dwar il-Ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. Dan l-approċċ jagħti prijorità lir-riformi f'dawn l-oqsma, sabiex jiġu indirizzati fi stadju bikri tal-proċess tal-adeżjoni. B'hekk il-pajjiżi jkollhom l-itwal perjodu ta' żmien possibbli qabel l-adeżjoni biex jibnu rekord ta' riżultati konkreti li jiżguraw is-sostenibbiltà tar-riformi.

Dan japplika wkoll fir-rigward tal-governanza ekonomika, fejn qegħdin jiġu implimentati l-proposti tal-Kummissjoni tal-2014. Il-pajjiżi kollha adottaw Programmi Ekonomiċi ta' Riforma u dawn ġew soġġetti għal diskussjoni Ministerjali u l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet konġunti f'Mejju 2015. Huwa partikolarment rilevanti wkoll rigward ix-xogħol fuq ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika (public administration reform, PAR). Hawnhekk ix-xogħol żdied mal-finalizzazzjoni tal-prinċipji PAR mill-UE u l-OECD (SIGMA) li fuqha għandha tkompli l-implimentazzjoni tar-riformi PAR.

Il-Kummissjoni se tiġbor l-esperjenza mill-approċċ pilota applikat dis-sena u tirrifletti fuq l-aġġustamenti li jistgħu jkunu meħtieġa aktar 'il quddiem. Hija se teżamina wkoll il-possibiltà li jiġi estiż l-approċċ ikkalibrat f'oqsma oħrajn f'rapporti futuri. Dan għandu jqis l-bżonn li jiġi żgurat is-sekwenzjar adatt tar-riformi / allinjament minħabba l-kapaċità amministrattiva limitata tal-pajjiżi tat-tkabbir u l-bżonn li tibqa' tingħata attenzjoni lill-fundamentali. Dwar l-ekonomija, il-Kummissjoni qiegħda tikkunsidra tinfina s-subkriterji u l-parametri għall-valutazzjoni taż-żewġ kriterji ekonomiċi ta' Copenhagen⁶, filwaqt li tqis ukoll l-isfidi u l-ispeċifitajiet tal-pajjiżi tat-tkabbir meta mqabbla ma' daww tal-ħames tkabbir tal-UE meta kienu kkreati s-subkriterji ekonomiċi.

Skali ta' valutazzjoni

F'kull wieħed mill-oqsma pilota kemm is-sitwazzjoni attwali kif ukoll il-livell ta' progress jiġu valutati skont skala ta' valutazzjoni standard b'ħames livelli.

Il-ħames termini użati fir-rapport dwar is-sitwazzjoni attwali huma dawn li ġejjin:

⁶ Dawn jeħtieġu l-eżistenza ta' ekonomija tas-suq li taħdem kif ukoll il-kapaċità li wieħed jaffaċċja l-pressjoni kompettitiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni.

Il-ħames termini użati fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-progress fl-aħħar tnax-il xahar huma dawn li ġejjin:

Fir-rapporti, tingħata valutazzjoni waħda tas-sitwazzjoni attwali u waħda dwar il-progress f'kull qasam pilota. Dawn il-valutazzjonijiet huma bbażati fuq analiżi bir-reqqa tas-sitwazzjoni taħt kull subintestatura ta' kull qasam pilota. Dawn is-subintestaturi huma spjegati iktar 'l isfel. Tingħata enfasi partikolari lill-importanza tal-implimentazzjoni u l-bilanċ pożittiv ta' riżultati konkreti f'kull qasam. Għalhekk, dawn l-oqsma jingħataw aktar piż mill-allinjament legali u l-qafas istituzzjonali fil-valutazzjoni globali.

Titjib fil-ġbir tal-informazzjoni

L-ammont ta' informazzjoni disponibbli dwar dawk il-pajjiżi fi stadju bikri tal-proċess dwar il-kwistjonijiet fundamentali huwa ġeneralment inqas minn dak tal-pajjiżi fi stadju aktar avvanzat. Sabiex tifhem aktar fil-fond l-isfidi tar-riforma għall-pajjiżi kollha, il-Kummissjoni beħsiebha timpenja ruħha aktar u tiġbor aktar informazzjoni mill-pajjiżi kollha. Dan iseħħ permezz tal-użu iktar sistematiku ta' mekkaniżmi eżistenti bħal TAIEX, pereżempju b'missjonijiet ta' evalwazzjoni mill-pari aktar frekwenti u aktar immirati li jinvolvu esperti mill-Istati Membri. Il-fora rilevanti ser jintużaw ukoll għall-ġbir imtejjeb ta' informazzjoni, fosthom laqgħat taħt l-FSA, djalogi ta' livell għoli u konsultazzjonijiet tekniċi.

II L-OQSMA PILOTI

➤ IT-TĦADDIM TAL-ĠUDIKATURA

Il-pajjiżi jridu jwettqu riformi ġudizzjarji b'effetti estensivi bl-għan li jiżguraw sistemi ġudizzjarji indipendenti u effiċjenti li jkunu kapaċi jiggarantixxu proċess ġust, fejn l-imħallfin u l-prosekuturi jiġu maħtura u promossi minħabba l-mertu tagħhom u fejn huma imparzjali u responsabbli u mhux suġġetti għal pressjoni politika jew xi pressjoni oħra. L-istrateġiji tar-riforma tas-sistema ġudizzjarja jridu jkunu kredibbli, b'saħħithom u implimentati b'mod effettiv. Il-garanziji legali u kostituzzjonali huma kruċjali sabiex ikun hemm indipendenza sħiħa. Il-kunsilli ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni jridu jkun lesti biex jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom bis-sħiħ bħala korpi ta' ġestjoni, filwaqt li jassiguraw l-indipendenza u r-responsabbiltà tagħhom. Iridu jittieħdu miżuri sabiex tiġi garantita l-kwalità u l-effikaċja tal-ġustizzja fosthom l-indirizzar ta' ammont ta' kawżi pendenti eċċessiv, proċedura li jieħdu wisq żmien u ġurisprudenza inkosistenti, kif ukoll l-eżekuzzjoni xierqa tas-sentenzi kollha tal-qrati. Tenħtieġ bidla fil-kultura ġudizzjarja li tagħti aktar importanza lill-għoti ta' servizz liċ-ċittadini.

Fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni globali f'kull wieħed mill-pajjiżi, qegħdin jiġu indirizzati s-subintestaturi li ġejjin fil-qasam tal-ġudikatura:

Dan jinkludi l-livell sa fejn il-pajjiż jista' jidentifika b'mod effettiv in-nuqqasijiet u jiżviluppa viżjoni koerenti ta' kif jindirizzahom, fosthom kif jiġġestixxi s-sekwenzjar tar-riformi, jekk il-korpi responsabbli u l-kompetenzi tagħhom humiex identifikati b'mod ċar, jekk hemmx ibbaġittjar realistiku, u jekk hemmx mekkaniżmu ta' monitoraġġ.

L-immaniġġar tal-ġudikatura

Dan jinkludi t-tħaddim tal-kunsilli tal-ġudikatura u tal-prosekuzzjoni u domandi dwar il-kompożizzjoni u l-għażla tagħhom (imħallta jew le, eletti mill-pari, eċċ), l-indipendenza, il-mandat, ir-regoli proċedurali, ir-responsabbiltà, it-trasparenza u jekk għandhomx biżżejjed persunal u fondi.

L-indipendenza

Din tinkludi l-garanziji legali u s-salvagwardji u kif dawn jiġu mħarsa fil-prattika, kif il-każijiet jiġu assenjati bejn l-imħallfin u l-kwistjoni tal-immunità.

Ir-responsabbiltà

Din tinkludi kwistjonijiet bħal kodiċi tal-etika, taħriġ dwar l-integrità, is-sistemi għad-dikjarazzjoni tal-assi u kif jiġu kkontrollati, ix-xogħol tal-awtoritajiet indipendenti ta' spezzjoni, u fejn tasal l-azzjoni dixxiplinarja effettiva meta tkun meħtieġa.

Il-professjonalità u l-kompetenza

Dan jinkludi ħarsa lejn is-sistemi ta' reklutaġġ, l-għażla, l-ħatra, il-promozzjoni u l-valutazzjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji kif ukoll l-iżvilupp u t-taħriġ professjonali.

Il-kwalità tal-ġustizzja

Din tinkludi l-promozzjoni tat-taħriġ, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-attivitajiet tal-qorti, il-baġit u r-riżorsi, id-disponibbiltà u l-użu tat-teknoloġiji u tal-komunikazzjoni, il-metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, kemm hija konsistenti l-ġurisprudenza u jekk hijiex disponibbli għall-pubbliku.

L-effiċjenza

Din tinkludi l-indirizzar tat-tul tal-proċedimenti, ir-rati ta' qtugħ ta' kawżi, il-kawżi pendenti, ir-reviżjonijiet/emendi tal-kodiċijiet tal-proċedura, is-simplifikazzjoni tan-netwerk tal-qrati/strutturi tal-qrati, il-preżenza ta' strateġiji dwar ir-riżorsi umani, id-disponibbiltà ta' persunal ta' appoġġ eċċ.

➤ IL-ĠLIEDA KONTRA L-KORRUZZJONI

Fil-pajjiżi tat-tkabbir hemm bżonn li jkun hemm oqfsa iktar b'saħħithom għall-prevenzjoni u l-ġlieda effettiva kontra l-korruzzjoni. F'oqfsa vulnerabbli bħal l-akkwist pubbliku u fil-privatizzazzjoni, il-prattiki ta' korruzzjoni jkomplu jieklu mir-riżorsi skarsi tal-baġits nazzjonali, b'effett negattiv fuq l-ambjent tan-negozju u tal-investment, li għandhom bżonn ċertezza tad-dritt biex jaħdmu. Il-korruzzjoni taffettwa wkoll direttament liċ-ċittadini meta jiġu evalwati ċerti servizzi pubbliċi bħal l-edukazzjoni u s-servizzi tas-saħħa. Jenħtieġ kontroll effettiv fuq il-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali u l-ġestjoni tal-kunflitt ta' interess. Jrid isir użu sħiħ minn għodod ta' prevenzjoni bħat-trasparenza fl-użu tal-fondi pubbliċi u sistema soda li tagħti aċċess lill-pubbliku għall-informazzjoni.

Irid ikun hemm infurzar tal-liġi aktar proattiv, ikkoordinat tajjeb u effettiv sabiex il-każijiet ta' korruzzjoni, fosthom dawk ta' livell għoli, jiġu investigati, prosegwiti u kkundannati b'mod xieraq, fosthom il-qbid u l-konfiska tal-assi. Jenħtieġ bilanċ pożittiv ta' riżultati konkreti f'dan il-qasam. Hemm bżonn ta' titjib fil-aċċessibilità u l-għbir tad-dejta sabiex ikun hemm aktar trasparenza u għajjnuna fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-politiki kontra l-korruzzjoni.

Fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni globali f'kull wieħed mill-pajjiżi, qegħdin jiġu indirizzati s-subintestaturi li ġejjin fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni:

Qafas strateġiku

Dan jinkludi valutazzjoni dwar jekk hemmx diġa' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni kredibbli u adegwati biex jindirizzaw in-nuqqasijiet, dwar jekk għandhomx biżżejjed fondi, l-eżistenza ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ adegwati, kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni settorjali dedikati fl-oqsma vulnerabbli.

Il-qafas legali

Dan jinkludi l-bżonn għal definizzjonijiet legali ċari u komprensivi, skont il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, l-allinjament mar-rakkomandazzjonijiet GRECO tal-Kunsill tal-Ewropa, regoli ċari u sanzjonijiet deterrenti dwar il-finanzjament tal-partiti, il-kunflitt ta' interess, id-dikjarazzjoni tal-assi u aċċess għall-informazzjoni, kif ukoll politika soda dwar ir-riżorsi umani għall-persunal tas-servizz ċivili u l-uffiċjali, u protezzjoni tal-informaturi.

Il-qafas istituzzjonali - prevenzjoni

Dan jinkludi l-eżistenza ta' korpi indipendenti ta' kontra l-korruzzjoni, awtoritajiet għall-monitoraġġ fil-konformità ma' leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-kwistjonijiet relatati mal-persunal, it-taħriġ, il-baġit u l-indipendenza; l-eżistenza ta' kodiċi tal-etika, ir-rwol tal-korpi tal-kontroll intern u tal-awditjar, u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

Il-qafas istituzzjonali - trażżin

Dan jinkludi l-valutazzjoni tal-mandat u l-indipendenza tal-korpi tal-infurzar tal-liġi, il-livell ta' speċjalizzazzjoni tagħhom, il-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-prosekuzzjoni, jekk jiġux applikati sanzjonijiet deterrenti, komunikazzjoni u bażi ta' dejta siguri u l-ġestjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-immunità.

Riżultati (bilanċ pożittiv)

Dan jinkludi n-numru u n-natura ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni, fosthom dawk ta' livell għoli, kif qegħdin jinqabdu l-assi, il-ġestjoni tal-każijiet ta' kunflitt ta' interess, il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, il-ksur tar-regoli tal-finanzjament tal-partiti, il-każijiet dwar l-aċċess għall-informazzjoni, eċċ.

➤ IL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (u l-korruzzjoni) għadha fundamentali sabiex titrażżan l-infiltrazzjoni kriminali fis-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi. Il-korpi tal-infurzar tal-liġi u s-servizzi tal-prosekuzzjoni jridu jingħataw għodod effettivi legali u investigattivi sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu u jwaqqfu l-kriminalità organizzata u jiżguraw investigazzjonijiet proattivi. Il-kapaċità għall-kooperazzjoni, pereżempju sabiex jitwettqu investigazzjonijiet finanzjarji kumplessi kif ukoll l-indirizzar tal-ħasil tal-flus trid titjeb. It-

thedd id dejjem jikber bħaċ-ċiberkriminalità jew it-terroriżmu għandu bżonn livell ogħla ta' speċjalizzazzjoni. Il-konfiska tal-assi kriminali hija kruċjali biex jiġu żarmati b'mod effettiv in-netwerks kriminali. Trid tiġi kkunsidrata l-kriminalizzazzjoni tal-arrikkiment illeċitu sabiex jiġi indirizzat il-fenomeni tar-rikkezza mhux spjegata. Hemm bżonn ukoll ta' protezzjoni b'saħħitha tax-xhieda.

In-natura transfruntiera ta' ħafna attivitajiet kriminali u gruppi ta' kriminalità organizzata teħtieġ kooperazzjoni reġjonali u interreġjonali msaħħa, b'rispons aħjar għat-talbiet tal-Istati Membri għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija. Hija meħtieġa wkoll aktar kooperazzjoni operattiva mal-aġenziji rilevanti Ewropej, b'mod partikolari l-Europol, il-Eurojust u l-Frontex.

Fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni globali f'kull wieħed mill-pajjiżi, qegħdin jiġu indirizzati s-subkwistjonijiet li ġejjin fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata:

Qafas strateġiku

Dan jinkludi l-eżistenza ta' strateġija komprensiva u kredibbli, li tirrifletti stampa strateġika tas-sitwazzjoni tal-kriminalità organizzata bbażata fuq analiżi tar-riskju kif ukoll kull strateġija oħra dwar tipi speċifiċi ta' reati jew investigazzjonijiet finanzjarji.

Il-qafas legali

Dan jinkludi l-garanzija ta' kodiċi dwar il-proċeduri kriminali xieraq u li l-Kodiċi Kriminali jkun konformi mal-acquis (traffikar, drogi, ċiberkriminalità u pornografija tat-tfal).

Il-qafas istituzzjonali

Dan jinkludi ħarsa lejn in-numru ta' pulizija, it-taħriġ u l-professjonaliżmu tagħhom, l-ispeċjalizzazzjoni tal-infurzar tal-liġi, fosthom dak tas-servizz tal-prosekuzzjoni, il-kooperazzjoni internazzjonali, ix-xogħol tal-uffiċċju tal-irkupru u l-ġestjoni tal-assi, is-sistemi ta' protezzjoni tax-xhieda u mekkaniżmi ta' sorveljanza tal-pulizija.

Il-kapaċità operattiva (bilanċ pożittiv)

Dan jinkludi n-numru u n-natura ta' investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni finali f'każijiet ta' kriminalità organizzata, fosthom l-immirar tal-organizzazzjoni kriminali (meta mqabbla ma individwi) u kemm qegħdin jiġu konfiskati l-assi, is-sistemi ta' komunikazzjoni, il-bażijiet tad-dejta, il-persunal u t-tagħmir, is-segretezza tal-investigazzjonijiet u l-attivitajiet kontra l-ħasil tal-flus.

➤ IL-LIBERTÀ TAL-ESPRESSJONI

Il-qafas legali għal-libertà tal-espressjoni u l-midja huwa fil-biċċa l-kbira preżenti fil-pajjiżi tat-tkabbir, bi pluraliżmu tal-midja ċar. Madankollu, s-sitwazzjoni dwar il-libertà tal-espressjoni u l-midja fil-prattika għadha kwistjoni ta' tħassib serju u baqgħet sejra lura f'xi pajjiżi. F'xi pajjiżi, l-ambjent ta' biża' u ċensura jkompli jingħata n-nar mill-vjolenza u intimidazzjoni kontinwa kontra l-ġurnalisti, b'suċċess fqir tal-awtoritajiet fl-identifikazzjoni u kundanna effettiva tal-awturi jew rieda politika mill-inqas. Xi kultant il-gvernijiet infushom jikkontribwixxu lejn atmosfera li tikkundanna lill-ġurnalisti li jikkritikaw il-politika tal-gvern, li mbagħad iwassal għall-awtoċensura. Għalkemm il-libell ma għadux reat kriminali, tkompli

L-prosekuzzjoni tal-ġurnalisti. Il-ġudikatura trid tiżviluppa u tiġi mħarrġa biex tindirizza l-abbuż mill-poteri tal-Istat.

L-indhila tal-gvern fil-libertà tal-media trid tiġi indirizzata. Iridu jsiru aktar sforzi sabiex tiġi garantita l-indipendenza politika u finanzjarja tas-servizz tax-xandir pubbliku, biex jissaħħu l-aġenziji regolatorji u l-awto-regolamentazzjoni fil-midja. Trid tiġi evitata wkoll pressjoni tal-ekonomija informali fuq il-midja, anki permezz ta' aktar trasparenza fis-sjeda tal-midja, li ma jkunx hemm konċentrazzjoni eċċessiva tagħha u li jkun hemm regoli trasparenti dwar l-akkwist tar-rikliamar tal-gvern.

Fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni globali f'kull wieħed mill-pajjiżi, qegħdin jiġu indirizzati s-subkwistjonijiet li ġejjin fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni⁷:

L-intimidazzjoni tal-ġurnalisti

Din tinkludi l-valutazzjoni ta' kif l-attakki fiżiċi u t-theddid kontra l-ġurnalisti jiġu segwiti mill-pulizija u mill-korpi ġudizzjarji; il-kwistjoni tal-arrest arbitrarju tal-ġurnalisti kif ukoll dikjarazzjoni minn politiki li jista' jkollha effett "skoraġġanti" fuq il-ġurnalisti u tikkontribwixxi għal ambjent ta' awtoċensura.

L-ambjent leġiżlattiv

Dan jinkludi valutazzjoni tal-proporzjonalità tar-regoli legali dwar id-difamazzjoni, dagħa, diskors ta' mibegħda, il-moralità pubblika u l-protezzjoni tas-sigurtà tal-istat f'midja offlajn u onlajn, ir-regolazzjoni tal-professjoni ġurnalistika kif ukoll ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-informazzjoni.

L-implimentazzjoni / l-istituzzjonijiet

Dan jinkludi valutazzjoni ta' kemm qegħdin jiġu implimentati b'mod konsistenti r-regoli u x-xogħol tar-regolaturi indipendenti tal-midja. Huma inklużi wkoll ir-restrizzjonijiet fuq l-internet u fuq l-operaturi, il-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali, id-dritt għall-privatezza u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta.

Il-fatturi ekonomiċi

Dawn jinkludu l-livell ta' pluraliżmu tal-midja, it-trasparenza tas-sjeda tal-midja, it-trasparenza fl-użu ta' fondi pubbliċi fil-midja, il-finanzjament tax-xandir pubbliku u l-kwistjoni tar-rikliamar tal-gvern u kif dan jaffettwa l-midja.

L-assoċjazzjonijiet professjonali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol

Dawn jinkludu l-korpi professjonali, ir-rappreżentant tal-ġurnalisti kif ukoll l-istat tal-impjeg tagħhom u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

➤ IR-RIFORMA TAL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika (PAR) għandha l-għan li ssaħħa it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-effikaċja u tiffoka aktar fuq il-bżonnijiet taċ-ċittadini u tan-negozji. Il-ġestjoni adegwata tar-riżorsi umani, pjanar aħjar tal-politika, koordinazzjoni u żvilupp,

⁷ Il-kwistjonijiet ewlenin huma diskussi wkoll fil-*Linji Gwida għall-appoġġ mill-UE lil-libertà tal-midja u l-integrità tal-midja fil-pajjiżi tat-tkabbir, 2014-2020* (http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/press_corner/elarg-guidelines-for-media-freedom-and-integrity_210214.pdf).

proċeduri amministrattivi sodi u ġestjoni mtejjba tal-finanzi pubbliċi, fosthom il-ġbir u l-amministrazzjoni tal-introjtu huma ta' importanza fundamentali għat-tħaddim tal-istat u għall-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa għall-integrazzjoni tal-UE. Il-pajjiżi jridu jżidu fl-isforzi tagħhom biex itejjbu l-amministrazzjoni pubblika tagħhom fuq kull livell abbażi ta' strateġiji nazzjonali. B'rikonossiment tal-isfidi li għandhom quddiemhom il-pajjiżi tat-tkabbir, il-Kummissjoni qiegħda ssaħħa l-appoġġ tagħha lejn it-twaqqif tal-istrutturi u l-kapaċità amministrattiva neċessarja fil-proċess ta' adeżjoni. Il-Kummissjoni għadha tagħti importanza partikolari lill-PAR fil-proċess ta' adeżjoni, fosthom bit-twaqqif ta' "Gruppi Speċjali" mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent bħala pjattaforma ewlenija sabiex ikompli x-xogħol mal-PAR. Dan ix-xogħol jikkontribwixxi għal Kunsill / Kumitat tal-FSA, b'diskussjoni politika aktar strutturata dwar kwistjonijiet ewlenija tal-PAR.

Fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni globali f'kull wieħed mill-pajjiżi, qegħdin jiġu indirizzati s-subkwistjonijiet li ġejjin fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika:

Qafas strateġiku

Dan jinkludi impenn politiku lejn il-proċess ta' riforma, fosthom it-tmexxija politika, il-koordinazzjoni teknika u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni.

L-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika

Dan jinkludi koordinazzjoni fil-qalba tal-gvern, il-koordinazzjoni interministerjali, l-iżvilupp tal-politika u l-analiżi finanzjarja.

Is-servizz pubbliku u l-ġestjoni tar-riżorsi umani

Dan jinkludi l-organizzazzjoni u t-tħaddim tas-servizz pubbliku, fosthom it-tneħħija tal-element politiku, ir-reklutaġġ ibbażat fuq il-mertu u l-promozzjoni, it-taħriġ u l-professjonalizzazzjoni.

Ir-responsabbiltà

Din tinkludi t-trasparenza tal-amministrazzjoni, fosthom l-aċċess għall-informazzjoni u l-possibiltà ta' rimedju amministrattiv u legali.

L-għoti tas-servizzi

Dan jinkludi servizzi mtejjba għaċ-ċittadini u n-negozji, kif ukoll proċeduri amministrattivi u servizzi tal-gvern elettroniċi aħjar.

Il-maniġment tal-finanzi pubbliċi (PFM)

Dan jinkludi maniġment tal-finanzi pubbliċi u l-proċess baġitarju b'mod globali permezz ta' preparazzjoni u implimentazzjoni ta' programmi multi annwali tal-PFM u impenn fi djalogu dwar il-politika tal-PFM mal-Kummissjoni u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali.

➤ IL-KRITERJI EKONOMIĊI

Il-kriterji ekonomiċi ta' Copenhagen għas-sħubija fl-UE jeħtieġu 1) l-eżistenza ta' ekonomija tas-suq li taħdem kif ukoll 2) il-kapaċità li wieħed jaffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Għal kull waħda minn dawn il-kriterji, il-Kummissjoni tissorvelja serje ta' subkriterji li kienu ġew speċifikati bħala parti mill-pakkett Aġenda 2000 ippubblikat fl-1997

fil-kuntest tal-preparamenti għall-adeżjoni tal-Istati Membri li sussegwentement issieħbu mal-UE fl-2004/2007.

Sabiex ekonomija tkun *ekonomija tas-suq li taħdem trid*:

- ikollha l-kunsens ġenerali dwar l-elementi essenzjali tal-politika ekonomika;
- stabbiltà makroekonomika (fosthom l-istabilità fil-prezzijiet, finanzi pubbliċi sostenibbli u kontinuità esteri);
- interazzjoni libera tal-forzi tas-suq (fosthom il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-prezzijiet);
- id-dħul u l-ħruġ liberu mis-suq (fosthom kwistjonijiet ta' stabbiliment/falliment tal-kumpaniji); u
- sistema legali adegwata (fosthom sistema ta' drittijiet ta' proprjetà, eżegwibilità ta' liġi / kuntratti) u settur finanzjarju żviluppat b'mod suffiċjenti.

It-tieni kriterju ekonomiku huwa l-kapaċità ta' pajjiż li jaffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Din il-kapaċità teħtieġ livell minimu ta' kompetittività tal-ekonomiji tal-pajjiżi kandidati hekk kif il-pajjiż jissieħeb mal-UE, għalhekk dan il-kriterju mit-tifsira tiegħu jħares aktar 'il quddiem min-natura tiegħu.

Il-kompetittività fl-UE teħtieġ:

- li jkun hemm ekonomija tas-suq li taħdem;
- biżżejjed kapital uman u fiżiku (fosthom kwistjonijiet ta' edukazzjoni, riċerka u infrastruttura);
- strutturi adegwati settorali u tal-impriżi (fosthom kwistjonijiet ta' ristrutturar tal-impriżi, ċaqliq settorali, ir-rwol tal-intrapriżi żgħar u medji);
- influwenza mill-inqas tal-Istat fuq il-kompetittività (fosthom kwistjonijiet ta' politika kummerċjali, politika tal-kompetizzjoni, għajnuna mill-Istat, għajnuna għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, eċċ.); u
- biżżejjed integrazzjoni fil-kummerċ u l-investiment fl-UE.

Is-subkriterji ma jagħtux lista ta' kontroll biex jevalwaw il-konformità. Is-sodisfazzjon tal-kriterji ekonomiċi teħtieġ riformi strutturali serji u li jibqgħu validi għal żmien twil, li jieħdu l-ħin biex jiġu sodisfatti. Dan jenfasizza l-importanza li jkun hemm bilanċ pożittiv sostenut ta' implimentazzjoni tar-riformi, ħalli jkun hemm bidla permanenti u irriversibbli fl-istennija u l-aġir tal-aġenti ekonomiċi.

➤ **Kapitolu 5: L-AKKWIST PUBBLIKU**

L-acquis dwar l-akkwist pubbliku huwa bbażat fuq il-prinċipji ġenerali fit-Trattat tal-UE tat-trattament indaqs, in-nondiskriminazzjoni, il-proporzjonalità u t-trasparenza. Tliet direttivi tal-UE jkopru l-proċeduri applikabbli tal-akkwist pubbliku tal-awtorità kontraenti fis-settur klassiku, entitajiet fis-settur tal-"utilitajiet" u l-konċessjonijiet. Barra minn hekk, fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà tapplika direttiva speċifika tal-UE. Direttiva dwar il-proċeduri ta' rieżami tapplika wkoll, flimkien ma' diversi leġiżlazzjonijiet tekniċi oħra.

Fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni globali f'kull wieħed mill-pajjiżi, qegħdin jiġu indirizzati s-subkwistjonijiet li ġejjin fil-qasam tal-akkwist pubbliku:

L-allinjament legali

Ir-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku (fosthom il-konċessjonijiet) iridu jkun konformi mal-acquis, abbażi tal-prinċipju ġenerali tat-trattament indaqs, in-nondiskriminazzjoni, il-proporzjonalità u t-trasparenza, u jiġu eżegwiti kif xieraq.

Il-qafas istituzzjonali

Irid jiġi aċċertat li hemm kapaċità ċentrali istituzzjonali u amministrattiva biex tiżviluppa, timplimenta u tissorvelja l-politika tal-akkwist pubbliku b'mod effettiv u effiċjenti, u responsabbiltà istituzzjonali separata għall-istħarriġ ġuridiku tal-proċeduri għall-akkwist pubbliku.

Il-kapaċità għall-eżekuzzjoni

Irid jiġi aċċertat li l-awtoritajiet u l-entitajiet kuntraenti għandhom il-kapaċitajiet xierqa u l-gwidi u għodda Prattiki biex jassiguraw manġment professjonali taċ-ċiklu sħiħ tal-akkwist pubbliku.

Il-kapaċità għall-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni

Irid jiġi aċċertat li l-operazzjonijiet tal-akkwist pubbliku huma konformi mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u l-prinċipji bażiċi, filwaqt li jkun hemm l-iktar użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi u jsir l-aħjar użu tat-tekniki u metodi moderni għall-akkwist pubbliku. Huwa rakkomandat li l-pajjiżi jwaqqfu sistemi biex jissorveljaw il-proċessi tal-akkwist pubbliku mill-ewwel tender sal-kuntratt finali. Dan għandu jippermetti skrutinju aħjar f'kull stadju, biex jiġi stabbilit ukoll fejn kien hemm devjazzjonijiet sinifikanti fl-ammont finali mħallas meta mqabbel mal-offertà inizjali li ġiet aċċettata.

Sistema ta' rimedji effettivi

Irid jiġi aċċertat li s-sistema ta' rimedji hija konfomi mal-istandards tal-acquis dwar l-indipendenza, probità u trasparenza u tipprovdi għal ġestjoni ta' malajr u kompetenti ta' lmenti u penali.

➤ **Kapitolu 18: STATISTIKA**

L-*acquis* fil-qasam tal-istatistika jeħtieġ sistema tal-istatistika bbażata fuq il-prinċipji bħal l-indipendenza professjonali, l-imparzjalità, l-affidabilità, il-kwalità, it-trasparenza, il-kunfidenzjalità tad-dejta individwali u t-tixrid ta' statistika uffiċjali. Dawn il-prinċipji huma stabbiliti fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea. L-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs) huma punti ta' referenza u ta' stabbiltà għall-metodoloġija, il-produzzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni statistika. L-acquis jkopri l-metodoloġija, il-klassifikazzjonijiet u l-proċeduri għall-ġbir ta' dejta f'diversi oqsma bħal l-istatistika makro-ekonomika, l-istatistika soċjali, l-istatistika tan-negozju, l-istatistika tal-agrikoltura u l-istatistika dwar l-ambjent u l-enerġija. L-ebda traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali mhi meħtieġa għalix il-biċċa l-kbira tal-acquis huwa fil-forma ta' regolamenti.

Fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni globali f'kull wieħed mill-pajjiżi, qegħdin jiġu indirizzati s-subintestaturi li ġejjin fil-qasam tal-istatistika:

L-infrastruttura statistika

Dan jinkludi l-Liġi statistika, ir-riżorsi tal-NSIs, il-koordinazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tal-Istatistika, l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea, il-klassifikazzjoni u r-reġistri.

L-istatistika makroekonomika

Din tinkludi l-kontijiet nazzjonali trimestrali u annwali, l-istatistika dwar il-finanzi tal-Gvern u l-kontijiet settorjali, l-istatistika dwar il-prezzijiet, l-istatistika dwar in-negozju, l-istatistika fuq affiljati barranin, l-Investment Dirett Barrani, is-sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat, il-kontijiet reġjonali u l-bilanċ tal-ħlasijiet.

L-istatistika dwar in-negozju

Din tinkludi l-istatistika strutturali u fuq terminu qasir dwar in-negozju, it-turiżmu, it-trasport, l-enerġija, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni u soċjetà tal-informazzjoni.

L-istatistika soċjali

Din tinkludi s-suq tax-xogħol kif ukoll l-impjiegi/il-qgħad, is-saħħa, l-edukazzjoni, id-demografija, il-kwalità tal-ħajja, il-protezzjoni soċjali u ċ-ċensiment tal-popolazzjoni.

L-istatistika dwar l-agrikoltura

Din tinkludi l-annimali u l-produzzjoni tal-ħaxix, il-prezzijiet agrikoli, il-kontijiet agrikoli, l-istruttura tal-impriża agrikola u ċ-ċensiment agrikolu.

L-istatistika dwar l-ambjent

Dan jinkludi l-iskart, l-ilma, il-protezzjoni ambjentali, il-kontabilità ambjentali, l-emissjoni tal-arja, eċċ.

➤ Kapitolu 32: IL-KONTROLL FINANZJARJU

Dan il-kapitolu huwa primarjament iddedikat biex jiggarantixxi ġestjoni finanzjarja tajba tal-introjtu u n-nefqa nazzjonali skont l-oqfsa internazzjonali, l-istandards u l-prattika tajba Ewropea. Dan il-kapitolu jikkonċerna s-settur pubbliku sħiħ, anki fuq livell ta' gvern lokali, u għalhekk huwa marbut b'mod integrali mar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika.

L-*acquis* taħt dan il-kapitolu jikkonċerna l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri legali u istituzzjonali bbażati fuq prinċipji internazzjonali u Ewropej, standards u metodi li għandhom japplikaw għas-sistemi ta' kontroll intern tas-settur pubbliku sħiħ kif ukoll mal-istandards ta' kontroll estern kif imfissra mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI). B'mod partikolari l-*acquis* jeħtieġ li jkun hemm sistemi ta' ġestjoni u kontroll finanzjarju effiċjenti, effettivi u trasparenti u; awditjar intern li jaħdem b'mod indipendenti; armonizzazzjoni ċentralizzata tal-metodoloġiji u l-istandards; l-istrutturi nazzjonali meħtieġa u istituzzjoni tal-awditjar tal-istat li hija taħdem indipendentement, li hija istituzzjonalment u finanzjarjament indipendenti biex tivverifika l-fondi pubbliċi. Dan il-kapitolu jinkludi wkoll l-*acquis* dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi fejn huma kkonċernati l-fondi tal-UE kif ukoll l-aspetti mhux kriminali tal-protezzjoni tal-Euro kontra l-iffalsifikar.

Fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni globali f'kull wieħed mill-pajjiżi, qegħdin jiġu indirizzati s-subintestaturi li ġejjin fil-qasam tal-kontroll finanzjarju:

Il-Kontroll Intern Pubbliku tal-Finanzi (PIFC)

Dan jinkludi l-impenn biex jiġi implimentat il-PIFC fis-settur pubbliku kollhu; li jkun hemm strateġija multiannwali għall-PIFC marbuta b'mod ċar mal-PAR globali u strateġija ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u li tħares lejn l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar, u l-impenn politiku. Għandha titwaqqaf Unità Ċentrali ta' Armonizzazzjoni (CHU), b'bażi legali komprensiva, persunal suffiċjenti u kapaċità amministrattiva u r-rwol bħala fornitriċi ta' gwida metodoloġika u koordinattriċi tal-iżviluppi. Kwistjonijiet oħra jinkludu l-bilanċ pożittiv u r-reviżjoni annwali tal-kwalità tal-attività ta' ġestjoni tal-finanzi u l-kontroll u l-awditjar intern.

Il-qafas legali għandu jiffaċilità l-iżvilupp ta' responsabbiltà maniġerjali, konsistenti mal-qafas legali li jirregolaw l-arranġamenti tas-servizzi pubbliku u ċivili u l-istrutturi organizzattivi. L-aspetti ewlenin tal-Kontroll u l-Ġestjoni Finanzjarja jridu jiġu żgurati. Irid ikun hemm funzjoni ta' awditjar intern mas-settur pubbliku kollhu, b'ammont ta' persunal suffiċjenti.

L-awditjar estern

Dan jinkludi l-garanzija tal-indipendenza tal-Istituzzjoni tal-Awditjar tal-Istat (SAI) fil-Kostituzzjoni u l-leġiżlazzjoni rilevanti skont l-istandards tal-INTOSAI, il-kapaċità istituzzjonali biex jiġi ssodisfat il-mandat ta' awditjar, impenn sabiex tiġi żgurata l-kwalità tax-xogħol ta' awditjar finanzjarju u dwar il-prestazzjoni u impenn biex jittieħdu miżuri li j'guraw impatt tax-xogħol tal-awditjar estern, fosthom segwitu parlamentari fuq ir-riżultati tal-awditu.

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE

Il-leġiżlazzjoni trid tiġi allinjata mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u acquis rilevanti ieħor, it-twaqqif tas-Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS) b'kapaċità amministrattiva suffiċjenti, kooperazzjoni mal-Kummissjoni, anki matul il-missjonijiet fuq il-post tal-Kummissjoni, struttura fejn jistgħu jiġu rappurtati l-irregolaritajiet u każijiet suspetti ta' frodi.

Il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (l-aspetti mhux kriminali)

Din tħaddan ir-ratifika tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin tal-Iffalsifikar tal-Flus, l-allinjament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-acquis, l-istrutturi amministrattivi u l-kapaċità għall-analiżi teknika u l-klassifikazzjoni tal-flus iffalsifikati, u l-kooperazzjoni internazzjonali.

ANNEX 3 - STATISTIKA EWLENĠJA

Il-Montenegro	Dik li kienet ir- Repubblika Jugożlawa tal- Maċedonja	L-Albanija	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Bożnija u Herzegovina	Il-Kosovo*	UE-28
---------------	----------------------------------------------------------------	------------	-----------	------------	-----------------------------	------------	-------

**DEJTA STATISTIKA (fit-18.09.2015
għal pajjiżi kandidati u pajjiżi
potenzjali, u l-01.09.2015 għall- UE-
28)**

Popolazzjoni	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Popolazzjoni totali (f'eluf)	1)	620.9	621.5	2 062.3	2 065.8	2 898.8 e	2 895.9 e	7 183.9 e	7 149.2 e	75 627	76 668	3 831.6 e	3 827.3 e	1 820.6 e	1 804.9 e	505 115 p	506 881 ep
Sehem ta' 15-64 f'popolazzjoni totali (%)		68.1	68.1	71.0	70.8	68.5	68.8	68.1	67.6	67.6	67.7	67.8e	67.8e	0.1	0.1	66.2p	65.9bep
Rata grossa ta' tibdil naturali fil-popolazzjoni (kull 1 000 abitant)		2.5	2.4	1.9	:	5.3	5.2	-4.8	-4.9	12.1	12.2	-1.3	-1.5p	11.9	13.3	0.2ep	0.3ep
Stennija ta' tul tal-ħajja fit-twelid, irġiel (snin)		74.1	73.9	73.2	:	76	76.4	72.5	72.6	74.7e	74.8e	73.7e	73.7e	74.2	74.2	77.8	:
Stennija ta' tul tal-ħajja fit-twelid, nisa (snin)		79.0	78.9	77.2	:	80.3	80.3	77.7	77.7	79.2e	79.3e	78.8e	78.8e	79.4	79.5	83.3	:

Prodott Domestiku Gross	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Prodott domestiku gross																	
Fi prezzijiet kurrenti (EUR biljun)	7) 8)	3.3	3.4p	8.1p	8.5e	9.6p	10.0p	34.3	33.1e	620.7	601.3	13.7	13.9	5.3	:	13 521	13 920
Per capita (EUR)	7) 8)	5 356	5 436p	3 930p	4 127s	3 323p	3 440p	4 781	4 635e	8 161	7 819	3 569	3 641	2 935	:	26 600	27 300
Skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) per capita	7) 9)	10 700	10 600p	9 500e	10 000	:	:	9 800	9 500	14 100	14 400	7700	7 800	:	:	26 600	27 300
PPS per capita, relatat mal-medja tal-UE (UE-28 = 100)	7) 9)	40	39p	36	36	28	29	37	35	53	53	29	28	:	:	-	-
Rata reali tat-tibdil, meta mqabbel mas-sena ta' qabel (%)	7)	3.3	:	2.7p	3.8e	1.1p	2.1p	2.6	-1.8e	4.2	2.9	2.5	1.1	3.4	:	0.1	1.3

Finanzi pubbliċi	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Statistika dwar il-finanzi tal-gvern, relatat mal-PDG																	
** Bilanċ pożittiv tal-gvern ġenerali (+) / deficiet (-) (%)	12)	-2.3	-3.1	-3.9	-4.2	-4.9	-5.1	-5.5	-6.7	0.2	:	-2.2	:	:	:	-3.2	-2.9
** Dejn ġenerali tal-gvern (%)	12) 13)	58.0	56.7	34.2	38.2	70.1	71.8	59.0	68.9	36.0	:	:	:	9.0e	:	85.5	86.8

Il-Montenegro	Dik li kienet ir- Repubblika Jugożlava tal- Maċedonja	L-Albanija	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Bożnija u Herzegovina	Il-Kosovo*	UE-28
---------------	----------------------------------------------------------------	------------	-----------	------------	-----------------------------	------------	-------

Attività ekonomika u l-impjegi	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Rata ta' attività ekonomika għal persuni ta' età bejn 20-64: proporzjoni tal-popolazzjoni ta' età bejn 20-64 li hija ekonomikament attiva (%), total		65.1	67.6	70.4	70.8	67.6e	68.6e	66.0	66.2	58.4	58.9b	58.7	59.2	46.4	47.7	76.5	76.9
- Irġiel		71.9	74.5	83.4	84.5	79.2e	80.5e	75.3	75.1	81.6	:	72.1	72.4	69.5	71.4	83.0	83.2
- Nisa		58.3	60.7	57.1	56.8	57.6e	57.3e	56.8	57.5	35.6	:	45.1	46.0	23.7	24.2	70.0	70.6
Rata ta' impjegi, għal etajiet bejn 20-64 (% tal-popolazzjoni), total		52.6	55.6	50.3	51.3	56.7e	56.6e	51.2	53.5	53.4	53.2b	42.8	43.2	33.0	31.3	68.4	69.2
- Irġiel		57.8	61.4	59.7	61.6	64.8e	65.2e	59.5	61.2	75.3	75.0b	53.3	54.6	51.5	48.4	74.3	75.0
- Nisa		47.5	49.4	40.7	40.8	49.3e	48.5e	43.1	46.0	31.8	31.6b	32.2	31.9	14.9	14.5	62.6	63.4
Persuni ta' etajiet bejn 15-24 bla xogħol, mhux jattendu skola jew taħriġ, (%) tal-popolazzjoni f'dan il-grupp ta' età		17.8	17.7	:	:	30.8e	30.9e	22.9	23.5	:	:	25.8	26.1	:	:	13.0	12.4
L-impjegi skont setturi ewlenin																	
- Agrikoltura, forestrija u s-sajd (%)	2)	4.5	5.7	18.7	18.0	44.0e	42.7e	21.3	21.1	23.6	21.1b	18.9	17.1	5.9	2.6	4.8	4.7
- Industrija (%)	2)	11.9	11.1	23.5	23.5	9.7e	11.0e	21.1	20.0	19.4	20.5b	22.2	22.1	16.8	17.7	17.3	17.3
- Kostruzzjoni (%)	2)	5.9	6.5	6.9	7.0	7.1e	6.4e	4.8	4.4	7.0	7.4b	7.7	7.9	11.4	10.9	6.9	6.8
- Servizzi (%)	2)	77.7	76.7	50.6	51.4	38.8e	39.4e	52.9	54.5	50.0	51.0b	51.0	52.7	64.1	67.2	70.3	70.5
Persuni impjegati fis-settur pubbliku bħala sehem mit-total ta' nies impjegati, persuni ta' età bejn 20-64 (%)	3)	:	32.8	:	:	17.8e	17.5e	32.6	31.6	13.5	13.1b	32.7	31.9	:	31.4s	:	:
Persuni impjegati fis-settur privat bħala sehem mit-total ta' nies impjegati, persuni ta' età bejn 20-64 (%)	3)	:	48.2	:	:	82.2e	82.5e	65.2	66.4	86.5	86.9b	62.5	63.1	:	68.6s	:	:
Rata tal-qgħad (% tal-forza tax-xogħol), total	4)	19.5	18.0	29.0	28.0	15.9e	17.5e	22.1	18.9	8.8	9.9b	27.6	27.6	30.0	35.3	10.8	10.2
- Irġiel	4)	20.1	17.8	29.0	27.7	17.8e	19.2e	20.8	18.3	8.0	9.1b	26.7	25.3	26.9	33.1	10.8	10.1
- Nisa	4)	18.8	18.2	29.0	28.6	13.5e	15.2e	23.8	19.6	10.6	11.9b	29.1	31.2	38.8	41.6	10.9	10.3
- Żagħżagħ, ta' età bejn 15-24	4)	41.6	35.8	51.9	53.1	31.4e	39.0e	49.4	47.1	16.9	17.8b	59.1	62.7	55.9	61.0	23.6	22.2
- Fit-terminu twil (>12il-xahar)	4)	16.0	14.0	23.9	:	11.5e	11.2e	16.8	12.8	2.1	2.4b	22.9	23.4	20.7	26.1	5.1	5.1
Pagi u salarji medji nominali fix-xahar (EUR)	5)	487	479	343.5	:	371.8	378.8	536.6	523.6	:	:	422.8	424.4	:	:	:	:

Il-Montenegro	Dik li kienet ir- Repubblika Jugożlava tal- Maċedonja	L-Albanija	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Bożnija u Herzegovina	Il-Kosovo*	UE-28
---------------	----------------------------------------------------------------	------------	-----------	------------	-----------------------------	------------	-------

Edukazzjoni	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Persuni li jieqfu mill-iskola u mit-taħriġ qabel iż-żmien: perċentaġġ tal-popolazzjoni ta' bejn l-etajiet ta' 18-24 li għandhom edukazzjoni sekondarja inferjuri u mhux edukazzjoni jew taħriġ avvanzat (%)	6)	5.1	5.1	11.4	12.5	30.6e	26.0e	8.7	8.3	37.6p	38.3b	25.9	25.2	:	:	11.9	11.1b
Perċentaġġ tal-popolazzjoni ta' bejn l-etajiet ta' 20-24 b'edukazzjoni sekondarja, total		:	86.3	:	:	44.2e	49.7e	83.2	82.5	:	:	85.8	85.6	69.5	68.2	:	:
- Irġiel		:	87.8	:	:	48.0e	55.9e	85.7	84.7	:	:	87.7	89.6	73.4	71.8	:	:
- Nisa		:	84.7	:	:	40.3e	43.5e	80.3	80.1	:	:	83.5	81.2	65.1	64.0	:	:
Perċentaġġ tal-popolazzjoni ta' bejn l-etajiet ta' 30-34 b'edukazzjoni terzjarja, total		28.0	28.3	:	:	15.7e	16.7e	25.3	27.2	:	:	15.7	18.9	12.0	16.6	37.0	37.8b
- Irġiel		24.7	25.3	:	:	12.7e	14.0e	20.2	21.8	:	:	14.6	15.2	9.9	13.0	32.7	33.4b
- Nisa		31.5	31.3	:	:	18.3e	19.2e	30.5	32.6	:	:	16.8	23.2	14.2	14.8	41.3	42.2b

Valur miżjud gross	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Valur miżjud gross imqassam skont is-setturi ewlenin																	
- Agrikoltura, forestrija u s-sajd (%)	7) 10)	9.8	:	11.0p	10.2e	22.5p	22.6p	9.4	9.7e	7.4	7.1	8.0	7.1	14.4	:	1.7	1.6
- Industrija (%)	7) 10)	13.8	:	17.9p	18.0e	14.4p	14.2p	26.6	24.6e	19.1	19.5	21.6	21.3	20.3	:	19.1	18.9
- Kostruzzjoni (%)	7) 10)	5.0	:	6.6p	6.8e	11.9p	11.0p	5.1	5.2e	4.4	4.6	4.5	4.7	7.9	:	5.4	5.4
- Servizzi (%)	7) 10)	71.4	:	64.4p	65.0e	51.1p	52.2p	59.0	60.5e	57.6	57.7	65.9	66.9	57.4	:	73.8	74.1

Kummerċ internazzjonali	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Kummerċ internazzjonali fi prodotti u servizzi relatat mal-PDG																	
- Importazzjonijiet (% tal-PDG)	7) 11)	62.1	:	61.9p	65.1e	53.5p	49.0p	51.9	54.3e	32.2	32.1	49.8	:	49.0	:	40.3	40.2
- Esportazzjonijiet (% tal-PDG)	7)	41.8	:	43.	47.9e	35.4p	29.9p	41.2	44.3e	25.6	27.7	30.0	:	17.4	:	42.9	43.0

	Il-Montenegro	Dik li kienet ir- Repubblika Jugożlava tal- Maċedonja	L-Albanija	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Bożnija u Herzegovina	Il-Kosovo*	UE-28
--	---------------	----------------------------------------------------------------	------------	-----------	------------	-----------------------------	------------	-------

	11)																
Sehem mill-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi tal-UE-28 f'valur tal-esportazzjonijiet totali (%)		41.5	35.8	72.6	76.6	76.7	77.4	63.8	65.7	41.5	43.5	73.5	72.1	43.5	30.2	-	-
Sehem mill-importazzjonijiet lejn il-pajjiżi tal-UE-28 f'valur tal-importazzjonijiet totali (%)		44.2	45.8	62.7	63.5	64.3	61.1	55.7	57.1	36.7	36.7	60.0	58.9	44.7	42.6	-	-
Bilanċ kummerċjali (EUR miljun)		-1 398	-1 451	-1 748	-1 762	-1 938	-2 114	-2 933	-2 950	-75 250	-63 628	-3 472	-3 843	-2 148	-2 214	51 565	22 383
Inflazzjoni u rati ta' imġax	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Bidla annwali fil-prezzijiet tal- konsumatur (%)		2.2	-0.7	2.8	-0.3	1.9	0.7	7.8	2.9	7.5	8.9	-0.2s	:	1.8	0.4	1.5	0.6
Dejn estern totali, relattiv għall-PDG (%)	14)	:	:	64.3	69.8p	61.1	65.2	75.1	78.1	:	:	:	:	30.2	32.3	:	:
Rata ta' imġax għas-self (għal sena), kull sena (%)	15)	9.36	9.22	3.75	3.75	9.52	7.66	12.00	10.50	:	:	6.99	6.64	12.36	10.70	:	:
Rata ta' imġax għad-depożiti (għal sena), kull sena (%)	16)	2.54	1.86	0.75	0.50	4.17	1.92	7.00	5.50	:	:	0.13	0.10	3.39	1.07	:	:
Valura tal-assi ta' riżerva (fosthom id-deheb) (EUR miljun)	17)	424	545	1 993	2 436	2 015	2 192	11 189	9 907	:	:	3 614	4 001	724	746	:	:
Riżervi internazzjonali - ekwivalenza f'xhur ta' importazzjonijiet	17)	2.5	3.2	4.8	5.3	5.2	5.5	7.5	6.6	:	:	5.8	6.0	3.3	3.2	:	:
Rimessi bħala % tal-PDG	18)	1.2	1.3	2.2	2.2	:	:	8.3	7.9	:	:	8.2	8.4	:	:	:	:

Investimenti	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Investiment dirett barrani nett (FDI) (il-ġewwa - l-barra) (EUR miljun)	18)	323.9	353.9	263.8	278.0	923.2	801.3p	768.5	1 236.3	:	:	224.7	422.4	250.2	123.8	-19 340	-19 350
Investiment dirett barrani nett (FDI) (il-ġewwa - l-barra) (%) tal-PDG)	18)	9.7	:	3.3	3.3	9.6	8.0p	2.2	3.7	:	:	1.6	3.0	4.7	:	-0.14	-0.14

Produzzjoni industrijali	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Indiċi tal-produzzjoni industrijali (2010 = 100)	19)	92.3	81.8	107.4	112.5	135.1	138.9	105.6	98.8	116.3	120.5	103.4	103.6	:	:	100.4	101.5

Konnettività	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Densità tan-netwerk ferrovjarju (linji operattivi għal kull elf km ²)		18.1	18.1	27	27	12.0	12.0	49.3	49.3	12.4	12.8	20.1	:	31.0	31.0	:	:
Tul tat-toroq (kilometri)		0	0	259	259	:	:	607	607	2 127	2 155	50	:	80	80	:	:

Il-Montenegro	Dik li kienet ir- Repubblika Jugożlava tal- Maċedonja	L-Albanija	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Bożnija u Herzegovina	Il-Kosovo*	UE-28
---------------	----------------------------------------------------------------	------------	-----------	------------	-----------------------------	------------	-------

Importazzjonijiet tal-enerġija	Nota	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014	2013	2014
Importazzjonijiet tal-enerġija netti relatati mal-PDG	20)	-0.1	:	3.6	3.1	0.8	:	5.3	5.4e	6.8	6.9	7.5p	:	1.5	:	2.8	2.4

: = mhux disponibbli
b = waqfa fis-serje
e = valur stmat
p = provviżorju
s = stima tal-Eurostat
- = n/a

* = Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

**= Id-defiċit tal-gvern u d-dejta dwar id-dejn tal-pajjiżi tat-tkabbir jiġu ppubblikati fuq bażi "kif inhu" u mingħajr garanzija dwar il-kwalità u tagħhom u l-konformità mar-regoli tal-ESA.

Noti ta' qiegħ il-paġna:

- 1) Il-Bożnija-Ħerzegovina: popolazzjoni f'nofs is-sena.
- 2) L-Albanija: is-somma tal-ishma ma tagħtix total ta' 100 % minħabba każijiet fejn persuni ma ġewx jew ma jistgħux jiġu kklassifikati taħt attivitajiet partikolari.
- 3) Il-Bożnija-Ħerzegovina: l-ishma ma jagħtix total ta' 100 % minħabba li tipi oħra ta' sjieda ġew esklużi. Montenegro: teskludi l-NGOs.
- 4) It-Turkija: il-qgħad ibbażat fuq il-kriterju ta' erba' ġimgħat + l-użu ta' metodi ta' tiftix dwar xogħol attiv biss.
- 5) Is-Serbja, 2013: pagi u salarji mħallsa lill-impjegati tal-entitajiet legali u ta' impriżi mhux inkorporati. Il-Bożnija-Ħerzegovina: salarju nett.
- 6) It-Turkija: riżultati annwali LFS.
- 7) L-Albanija, dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, is-Serbja u l-UE-28: abbażi ta' ESA 2010.
- 8) Il-Montenegro, 2014: sors, il-Eurostat.
- 9) Il-Montenegro, dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, l-Albanija, is-Serbja, it-Turkija u l-Bożnija-Ħerzegovina (2013 biss): kalkoli tal-Eurostat.
- 10) It-Turkija: ikkalkulat bħala sehem mill-valur miżjud flimkien mat-taxxi u s-sussidji minbarra l-FISIM; l-ishma għalhekk ma jagħtix total ta' 100 %.
- 11) Il-Bożnija-Ħerzegovina: ishma huma relattivi mal-PDG ikkalkulat mill-approċċ tan-nefqa. L-Albanija: l-ishma tal-komponenti tan-nefqa tal-PDG ma jinkludux id-diskrepanza statistika (l-ishma għall-komponenti kollha ma jagħtix total ta' 100 %).
- 12) UE-28: ibbażat fuq ESA 2010.
- 13) il-Kosovo, 2013; il-valur tal-PDG jiġi kkalkulat mill-Qafas ta' Nfiq fuq Terminu ta' Żmien Medju 2016-2018 (April 2015).
- 14) L-Albanija: id-dejta dwar id-dejn estern gross tingħata mill-Bank tal-Albanija. Dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja: skont is-sitt edizzjoni tal-manwal tal-bilanċ tal-pagamenti.
- 15) L-Albanija: perċentwali medju kkalkulat lis-self ġdid ta' 12-il xahar fuq ix-xahar rispettiv, b'maturità ta' 12-il xahar. Il-Bożnija-Ħerzegovina: rati ta' imgħax għal self fuq terminu qasir f'munita nazzjonali lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (medja ppeżata). Il-Montenegro, 2014: rata ta' interess fuq medja ponderata effettiva, ammonti pendenti, annwali. Dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja: l-aħħar tas-sena (il-31 ta' Diċembru). il-Kosovo, 2013; jinkludi t-tariffa ta' żborż tal-banek.
- 16) L-Albanija: ir-rata ta' interess fuq id-depożitu tirrapreżenta r-rata ta' interess fuq medja ponderata għad-depożiti li għadhom kif ġew aċċettati fix-xahar rispettiv, b'maturità ta' 12-il xahar. Il-Bożnija-Ħerzegovina: rati ta' depożitu ta' domanda f'munita nazzjonali lill-unitajiet domestiċi (medja ponderata). Il-Montenegro, 2014: rata ta' interess fuq medja ponderata effettiva, ammonti pendenti, annwali. Dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja: l-aħħar tas-sena (il-31 ta' Diċembru). il-Kosovo, 2013; jinkludi t-tariffa ta' żborż tal-banek.
- 17) Dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja: l-aħħar tas-sena (31 ta' Diċembru).
- 18) Dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja (2014 biss), il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo u l-UE-28: skont is-sitt edizzjoni tal-manwal tal-bilanċ tal-pagamenti.

- 19) il-Bożnija-~~Herzegovina~~ u t-Turkija: indiċi gross.
- 20) il-Montenegro, dik li kienet ir-~~Repubblika Jugoslava~~ tal-Maċedonja u l-Kosovo: kalkoli tal-Eurostat.

VI.